MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
6



SNOOKER
36



CRICKET
38



Nru. 132 Marzu 2018

# SPORTIV

**Premier**
Balzan u Valletta jinqatgħu għalihom fl-isfida finali **16**

**Youth FA**
Imqassma s-solidarity funds lin-Nurseries **34**

**MEUSAC**
Ftehim bejn l-EU u l-UEFA għat-tisħiħ tal-isport **42**

**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport





## SUĊĊESS IEĦOR GĦAL WATERPOLO MALTI



# Trustin Farrugia Cann - jikkontrolla l-100 logħba fil-Premier




# Marzu 2018



**Jesmond Moore**
*Editur*

Bla dubju, l-aktar avveniment ta' prestiġju matul dan ix-xahar kien il-kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Ewropew li t-team nazzjonali tal-waterpolo rnexxielu jikseb meta fit-tieni leg tar-round ta' kwalifikazzjoni, għeleb lil dak tal-Belarus 16-9 biex għadda b'aggregate ta' 23-17.

Immexxi mill-coach Karl Izzo, f'Lulju li ġej it-team Malti se jilgħab flimkien mal-creme de la creme tal-waterpolo Ewropew liema edizzjoni finali se tintlagħab f'Barcelona, fi Spanja.

Fix-xena lokali, il-Kampjonat BOV Premier żvolġa f'wieħed mill-aktar interessanti u nċert hekk kif it-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu hija bejn Balzan u Valletta hekk kif punt wieħed biss qed jifred liż-żewġ timijiet.

Filwaqt li fl-Ewwel Diviżjoni Qormi jinsabu b'ċans tajjeb li jsiru champions, fiż-żewġ diviżjonijiet l-oħra kollox għadu miftuħ beraħ.

Dan kollu u sport ieħor tistgħu ssibuh fl-aqwa magazine sportiv .....



**irbaħ €25 voucher ma'**

TeamSport®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Lil min għelbu l-Maltin biex ikkwalifkaw għall-Kampjonat Ewropew tal-waterpolo?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2018:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 131 hija:*
**Yazmin Zammit Stevens**

*Ir-rebbieħ huwa: F. Camilleri - Xemxija*



Click

**inewsmalta**.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
**132**

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
UnionPrint Co. Ltd
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Alan Saliba
Walter Sargent

**Cover**
L-iskwadra nazzjonali tal-waterpolo tiċċelebra r-rebħa fuq il-Belarus li kienet tfisser il-kwalifikazzjoni għall-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew li se jintlagħab, f'Barcelona, f'Lulju li ġej

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.





# Werrej

**6 MFA**
Il-clubs se jibbenefikaw minn żewġ skemi ġodda

**16 Premier**
Balzan u Valletta jinqatgħu għalihom fl-isfida finali

**20 I, II, III Division**
Tibqa' t-taqtiegħa bejn St Venera L. u Mellieħa

**24 Lokali**
Ir-referee Trustin Farrugia Cann jikkontrolla l-100 partita fil-Premier

**26 Lokali**
Manuel Clnl jipparteċipa fi proġett għall ġurnalisti sportivi fl-Italja

**28 Waterpolo**
Intervista ma' Karl Izzo wara s-suċċess Malti fil-waterpolo

**30 Lokali**
Bil-qari u l-kitba niskorja fi Scunthorpe l-Ingilterra

**32 Żwiemel**
Malta titlef lil In Vitro Du Bourg fost l-aqwa ta' kull żmien

**34 Youth FA**
Imqassma s-Solidarity Funds lin-nurseries

**36 Snooker**
Ronnie O'Sullivan jirbaħ erba' titli fi staġun wieħed

**38 Cricket**
L-iskwadra ta' Malta Cricket tipprepara għal sena importanti

**40 Gozo Sports**
F'Għawdex il-logħba tal-boċċi tattira kemm anzjani kif ukoll żgħar

**42 MEUSAC**
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-UEFA għat-tisħiħ tal-isport

**44 Storja tal-Football Malti**
Rebħa kbira għal Valletta

**46 Tisliba/Spotball**
Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio

mfa.com.mt

# Il-clubs se jibbenefikaw minn żewġ skemi ġodda tal-Malta Football Association



## Assistenza finanzjarja biex jimpjegaw amministratur u jtejbu l-faċilitajiet

Il-Malta Football Association qegħda tħejji żewġ skemi mmirati biex jgħinu lill-clubs itejbu l-livell ta' organizzazzjoni u l-faċilitajiet tagħhom.

Il-clubs kollha affiljati mal-MFA dalwaqt se jibdew jirċievu assistenza finanzjarja biex jibdew jużaw is-servizz fuq bażi part-time ta' amministratur tal-football rikonoxxut mill-MFA.

L-iskema l-oħra, bl-isem ta' 'MFA Facilities Fund Grant Scheme', se tippermetti li l-clubs japplikaw għal għotjiet biex iwettqu proġetti infrastrutturali, bħal titjib tal-pitch, floodlights, dressing rooms kif ukoll tagħmir għas-saħħa u s-sigurtà.

Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, spjega l-aspetti ewlenin ta' dawn iż-żewġ skemi li għandhom iwasslu biex il-clubs tagħna jagħmlu qabża fil-kwalità.

"Ir-rispons għall-ewwel kors għall-amministraturi tal-football, li ntemm riċentement, kien ferm pożittiv," qal is-Sur Darmanin Demajo waqt laqgħa tal-Kunsill tal-MFA li saret iktar kmieni dan ix-xahar, f'Le Meridien Hotel.

"Total ta' 60 kandidat ikkonkludew dan il-kors. Issa li nistgħu nibbażaw fuq dawn l-amministraturi li għandhom għarfien sod tal-amministrazzjoni tal-football, qed naħdmu biex nintroduċu skema li permezz tagħha l-clubs jirċievu għajnuna finanzjarja biex jimpjegaw amministratur tal-football fuq bażi part-time."

Il-livell ta' assistenza finanzjarja se jkun ibbażat fuq il-liċenzja tal-clubs – professjonali, semi-professjonali jew amateur – b'Darmanin Demajo jispjega li r-rekwiżiti jvarjaw skond l-istatus tal-clubs.

L-istima tal-ispiża annwali tal-iskema tal-amministraturi tal-football hija ta' €150,000.

Waqt li spjega l-idea wara l-'facilities fund', il-President tal-MFA qal li bosta clubs avviċinaw lill-Assoċjazzjoni f'dawn l-aħħar xhur biex ifittxu assistenza fuq proġetti infrastrutturali.

L-Assoċjazzjoni se żżid €100,000 massomma li ġejja minn sanzjonijiet dixxiplinarji biex toħloq dan il-fond li għandu jgħin lill-clubs iwettqu proġetti ta' tisbiħ.

Darmanin Demajo qal li l-idea li jinħoloq dan il-fond ġiet minn Ivan Mizzi, it-teżorier tal-MFA.



# minn
# lta



## APPREZZAMENT TAL-MFPA

Il-Malta Football Players Association (MFPA) uriet l-apprezzament tagħha lill-MFA talli appoġġaw l-inizjattiva tagħhom biex jisponsorjaw is-sessjonijiet tal-ewwel għajnuna fil-clubs lokali.

Għaxar clubs diġà bbenefikaw minn din l-iskema.

## IT-TROFEW IL-ĠDID TAL-BOV PREMIER LEAGUE

Qed isiru tħejjijiet biex ikun organizzat tour tat-trofew il-ġdid tal-BOV Premier League għall-iskejjel lokali.

Delegazzjoni tal-MFA se tieħu t-trofew tal-kampjonat il-ġdid f'numru ta' skejjel billi tippromwovi l-football Malti fost it-tfal u ż-żgħażagħ filwaqt li tagħtihom ukoll l-opportunità li jieħdu ritratt ma' din it-tazza sabiħa.

It-trofew, iddisinjat u mmanifatturat mill-arġentiera Thomas Lyte li huma bbażati f'Londra, kien esebit fuq il-post fejn saret il-laqgħa tal-Kunsill tal-MFA.

It-trofew il-ġdid se jkun preżentat lir-rebbieħa tal-BOV Premier League fl-aħħar tal-istaġun.

Huwa wkoll parti mit-trofej il-ġodda tal-MFA, hekk kif tazzi oħra kienu mfassla wkoll għall-kampjonati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet diviżjoni.

## LOGĦBIET TA' ĦBIBERIJA

Is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Dr Angelo Chetcuti, qal li t-team nazzjonali se jkun qed jilgħab tliet logħbiet ta' ħbiberija waqt il-kamp ta' taħriġ ta' għaxart ijiem fl-Awstrija.

Il-kamp ta' taħriġ, li mistenni li jsir fil-perjodu ta' bejn Mejju u Ġunju kif ukoll il-logħob ta' ħbiberija, huma parti mit-tħejjijiet tat-team għall-impenji tagħhom fil-UEFA Nations League.

Malta telgħet biex tilgħab fi Grupp 3 ta' League D flimkien mal-Azerbaijan, il-Gżejjer Faroe u l-Kosovo.

Dan ix-xahar, Malta hija mpenjata f'logħbiet ta' ħbiberija f'darna kontra l-Lussemburgu, li ntagħbet jumejn ilu u kontra l-Finlandja, fit-Turkija, nhar it-Tnejn li ġej.

Dr Chetcuti feraħ lit-team Malti ta' Taħt is-16-il sena tal-parteċipazzjoni b'suċċess fil-UEFA Youth Developement Tournament.

Immexxi mill-coach Noel Turner, it-team Malti spiċċa fl-ewwel post wara li għeleb lil Andorra (bil-penalties), Ġibiltà u Liechtenstein, biex kisbu l-istess suċċess li kellu t-team ta' taħt is-16-il sena tan-nisa li wkoll rebħu kampjonat simili ftit tal-ġimgħat qabel.





Under 16

# Malta tirbaħ il-grupp tal-UEFA Development Tournament

It-team nazzjonali Malti ta' Taħt is-16-il sena rebaħ il-grupp tal-UEFA Development Tournament meta ospita dan il-mini-tournament kwadrangulari li fih kien jinkludi lil Andorra, Ġibiltá u Liechtenstein.

Il-Maltin spiċċaw fl-ewwel post meta fl-ewwel logħba għelbu lil Andorra 9-8 bl-għoti tal-penalties wara li spiċċaw fi draw ta' 1-1 biex imbagħad ħarġu rebbieħa bl-iskor kbir ta' 6-0 fuq Ġibiltá. Fl-aħħar partita huma anke ssuperaw lil Leichtenstein bl-iskor ta' 2-0.

**Malta ............... 1**
**Andorra .......... 1**
**(Malta 9-8 bil-penalties)**

Il-Maltin bdew b'rebħa fuq Andorra 9-8 bl-għoti tal-penalties wara li l-partita spiċċat fi draw ta' 1-1. Il-goal Malti wasal minn Isaac Galea, u l-penalties ġew skorjati minn Mattea Veselji, Jake Engerer, Kurt Desira, Karl Mohnani, Gianluca Sciberras, Sheldon Mizzi, Jordan Kelly, Glenn Mifsud u Isaac Galea.

**Malta ............... 6**
**Ġibiltá .............. 0**

Din kienet l-ikbar rebħa tal-Maltin fejn warrbu għal kollox l-isfida ta' Ġibiltá bl-iskor ta' 6-0 biex din kienet ukoll l-akbar rebħa f'dan it-tournament.

Sa tmiem l-ewwel taqsima, il-Maltin kienu diġá qed igawdu vantaġġ ta' 3-0 biex prattikament għalqu l-logħba. Huma fetħu l-iskor minn Kurt Buhagiar (13) filwaqt li Mattia Veselji (36, 40) skorja doppjetta.

Wara l-mistrieħ, it-team immexxi minn, Noel Turner, irnexxielu jiskorja tliet darbiet oħra minn Kurt Desira (49), Nikolai Farrugia Cross (54) u auto-goal ta' Shaylon Hanglin (76).

**Liechtenstien ... 0**
**Malta .................. 2**

Fl-aħħar logħba, il-Maltin iltaqgħu kontra Leichtenstein u ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 2-0.

L-ewwel taqsima kienet waħda bilanċjata fejn il-Maltin sabuha diffiċli biex jippenetraw lid-difiża organizzata tal-avversarji.

Madankollu wara li l-goalkeeper Malti, Mathias Debono, salva tajjeb ix-xutt mill-viċin ta' Ricardo Brancaleone, ħames minuti qabel tmiem l-ewwel taqsima l-Maltin fetħu l-iskor b'xutt qawwi ta' Jake Engerer.

Fit-tieni taqsima, il-Maltin ħarġu fuq l-offensiva u fis-56 minuta, Jake Bone falla ċans tad-deheb meta waħdu quddiem il-goalkeeper avversarju falla l-mira kompletament.

Madankollu ftit wara, il-Maltin skorjaw it-tieni goal meta nqalgħet taħwida quddiem il-lasti avversarji bil-ballun jasal għand il-captain Karl Mohnani. B'dan ir-riżultat, il-Maltin rebħu l-grupp.

**L-iskwadra Maltija kienet komposta minn:**

**Goalkeepers:** Miguel Spiteri (Deportivo Leganes, Spanja); Matthias Debono (Hamrun Spartans).

**Difensuri:** Sheldon Mizzi (Pietà Hotspurs); Matthew Ellul (Hibernians); Kurt Galea (Pietà Hotspurs); Isaac Galea (Floriana); Ismael Borg (Mosta); Luke Musu (San Ġwann); Gianluca Borg (Pietà Hotspurs).

**Midfielders:** Karl Mohnani (Melita); Emerson Camilleri (Pietà H.); Gianluca Sciberras (Mosta); Jordan Kelly (St Andrews); Glen Mifsud (Hibernians); Nikolai Farrugia Cross (Birkirkara)

**Attakkanti:** Jake Bone (Pietà Hotspurs); Jake Engerer (Cesena, Italja); Kurt Buhagiar (Valletta); Kurt Desira (Valletta); Mattia Veselji (St Andrews).

# 60 kandidat jiksbu ċertifikat fl-amministrazzjoni tal-football

## Jintemm l-ewwel kors ta' dan it-tip organizzat mill-MFA






L-ewwel kors dwar l-amministrazzjoni fil-football (Certificate in Football Administration), organizzat mill-Malta Football Association, intemm riċentement.

Total ta' 60 kandidat temmew b'suċċess dan il-kors ta' ħames xhur li kopra numru ta' temi ewlenin relatati mal-amministrazzjoni tal-football, u li wassal għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikati li saret fit-22 ta' Frar, 2018 fil-Corinthia Palace Hotel, San Anton.

Minn dawn is-60 parteċipant, 28 ħadu sehem ukoll f'kors kumplimentari li kien jittratta l-amministrazzjoni tan-nurseries.

Norman Darmanin Demajo, il-President tal-Malta Football Association, feraħ lill-parteċipanti għall-isforzi tagħhom u l-interess kbir li wrew matul il-korsijiet.

"Id-dedikazzjoni li wrejtu matul dawn il-korsijiet hija tabilħaqq ta' min ifaħħarha," qal is-Sur Darmanin Demajo.

"Huwa tajjeb li intom issa ksibtu dan iċ-ċertifikat imma l-aktar parti importanti issa hija li tibdew timplimentaw dak li tgħallimtu matul dawn il-korsijiet."

Filwaqt li enfasizza l-importanza tar-rwol tal-amministratur fil-logħba tal-football, is-Sur Darmanin Demajo ħeġġeġ lill-amministraturi ġodda biex jikkontribwixxu b'mod attiv.

"Jekk hemm xi ħaġa li tixtiequ tiddiskutu, ħossukom liberi li tiġu u titkellmu magħna," qal Darmanin Demajo.

"Il-bibien tagħna huma dejjem miftuħa."

Il-viċi-president tal-MFA u l-Amministratur tal-Kors, Dr Matthew Paris, esprima l-gratitudni tiegħu lill-parteċipanti għall-appoġġ u l-koperazzjoni tagħhom.

"Dan ma kienx kors iżolat," qal Dr Paris. "Hija l-intenzjoni tagħna li norganizzaw dawn it-tip ta' korsijiet fuq bażi regolari għaliex dan huwa essenzjali għall-football Malti."

Il-modules li saru matul is-CFA Course inkludew l-istatut u r-regolamenti tal-MFA, il-proċeduri tar-reġistrazzjoni tal-players, il-liċenzjar tal-clubs u il-kwistjonijiet tat-taxxi, il-finanzi, il-matchday operations, il-kompetizzjonijiet, il-kommunikazzjoni u l-media, il-marketing, 'football information systems', l-integrità u r-relazzjoni bejn id-dressing room u l-boardroom.

Waħda mis-sessjonijiet tmexxiet minn Thierry Favre, il-Kap tas-sezzjoni tal-Iżvilupp tal-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali fi ħdan il-UEFA, li ta ħarsa lejn ix-xogħol tal-UEFA f'dan il-qasam.

Waqt li tkellem f'isem il-parteċipanti, Jurgen D'Amato qal li l-ħtieġa għal kors tal-amministraturi tal-football ilha tinħass.

Filwaqt li rringrazzja lill-MFA li tat lilu u lill-kollegi tiegħu ċ-ċans li jagħmlu dan il-kors, D'Amato ħeġġeġ lill-amministraturi kollha biex ipoġġu l-għarfien miksub tagħhom fil-prattika u biex ikollhom il-kuraġġ li jieħdu deċiżjonijiet diffiċli biex jissalvagwardjaw il-futur tal-clubs tagħhom.



# Rikonoxximent mill-Prim Ministru

## lit-timijiet nazzjonali ta' Taħt is-16-il sena

Iż-żewġ timijiet nazzjonali ta' Taħt is-16-il sena kienu mistiedna biex jiltaqgħu mal-Prim Ministru, Joseph Muscat, fl-uffiċċju tiegħu f'Kastilja, wara s-suċċess identiku li kellhom fiż-żewġ UEFA Youth Development Tournaments li saru f'pajjiżna f'dawn l-aħħar xhur.

L-ewwel zjara għamluha l-membri tal-iskwadra tat-tfajliet, l-istaff tekniku flimkien ma' uffiċjali tal-Malta Football Association.

Immexxija mill-coach Dorianne Theuma, Malta kisbet rebħiet konvinċenti fuq Andorra, Ġibiltà u Liechtenstein fis-Centenary Stadium biex għalqu l-impenji tagħhom b'punti massimi.

Wara kien imiss lit-team tal-ġuvintur li jżur lill-Prim Ministru wara li wkoll spiċċaw fl-ewwel post fil-UEFA Youth Development Tournament.

Malta rebħet lil Andorra wara l-għoti tal-penalties, lil Ġibiltà u lil Liechtenstein. Immexxija mill-coach Noel Turner u l-assistent tiegħu Ronald Vella, il-Maltin ukoll temmew l-impenji tagħhom fl-ewwel post.

Filwaqt li faħħar is-suċċess li kisbu ż-żewġ timijiet, il-Prim Ministru appella lill-players żgħażagħ biex ikomplu jħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu.

"Ġibtu dawn ir-riżultati għaliex ħdimtu bis-sħiħ, ippreparajtu tajjeb u l-coaches tagħkom għamlu l-almu tagħhom biex jippreparawkom għal-logħbiet bl-aħjar attitudni u l-aħjar strateġija," qal Dr Muscat.

"Il-pajjiż huwa għatxan għal dawn is-suċċessi fix-xena sportiva. Naħseb irrealizzajtu f'din l-aħħar ġimgħa għaliex kulħadd kien qed jitkellem fuq ir-riżultati tagħkom."

Preżenti wkoll għal dawn iż-zjarat ta' kortesija kien hemm is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Żgħażagħ u Organizzazzjonijiet Volontarji, Dr Clifton Grima, li feraħ lit-timijiet għall-prestazzjonijiet tagħhom fit-tournaments tal-UEFA.

Dr Grima ddeskriva lill-players żgħażagħ bħala ambaxxaturi, hekk kif "kull darba li tilbsu l-flokk tat-team nazzjonali, qed tirrappreżentaw lil pajjiżna u qed tagħmlu dan b'unur."

Fost dawk preżenti fit-tieni żjara kien hemm ukoll il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, li rringrazzja lill-gvern għas-sostenn kontinwu lill-football.

"Dejjem għidt li aħna fortunati li għandna Prim Ministru li jħobb il-football," qal is-Sur Darmanin Demajo.

"Aħna grati lejn il-Prim Ministru u s-Segretarju Parlamentari tal-Isport għas-sostenn kontinwu tagħhom."

Il-President tal-MFA saħaq li dawn is-suċċessi jkomplu jikkonfermaw dak li jemmen, li f'dan il-livell, il-players

tagħna kapaċi jagħtu sfida denja lil kull team.

Il-Prim Ministru ppreżenta trofew kommemorattiv lit-timijiet kif ukoll memento lill-membri kollha tal-kontinġent tal-MFA.

F'isem l-MFA, il-viċi president tal-Assoċjazzjoni, Ludovico Micallef, ippreżenta lil Dr Muscat b'ritratt tat-team nazzjonali ta' Taħt is-18-il sena tan-nisa, wara r-rebħa fuq Liechtenstein, flimkien ma' ballun iffirmat.

Fit-tieni żjara, il-President tal-MFA ippreżentalu wkoll ritratt tat-team tas-subien, filwaqt li l-captain Karl Mohnani ppreżentalu flokk iffirmat mill-players.







# Titnieda t-tieni edizzjoni tal-Integrity Tour

## Is-sessjonijiet informattivi se jsiru fit-53 club affiljati mal-MFA




It-tieni edizzjoni tal-Malta Football Association Integrity Tour rat il-bidu tagħha nhar it-Tnejn, 5 ta' Marzu, 2018.

Is-sessjonijiet ta' informazzjoni huma mmexxija minn Franz Tabone, l-Integrity Officer tal-MFA, li ser ikun qiegħed iżur it-53 club affiljat mal-MFA fix-xhur li ġejjin. L-ewwel MFA Integrity Tour sar fl-2014.

"Dawn il-programmi edukattivi huma meħtieġa biex jgħinu u jattrezzaw lill-players u l-uffiċjali b'għarfien dwar kif toqgħod 'il bogħod mill-perikli li jdawru l-football," qal is-Sur Tabone.

"Huwa fl-interess tal-clubs li jattendu għal dawn is-sessjonijiet u jsiru jafu aħjar x'inhuma d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom f'dan ix-xenarju."

Il-players tal-ewwel team, dawk ta' Taħt id-19 u 17-il sena, kif ukoll l-uffiċjali tal-clubs, se jkunu qed jieħdu sehem f'dawn is-sessjonijiet obbligatorji.

Il-preżentazzjonijiet qosra se jiffukaw fuq il-Liġi Kriminali u r-regolamenti tal-MFA dwar il-korruzzjoni u l-imħatri illegali.

Dr Angelo Chetcuti, is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, qal: "Aħna nemmnu bis-sħiħ fl-importanza li teduka lil dawk kollha li għandhom irwol fil-logħba u li huwa d-dmir kollettiv tagħna li nikkontribwixxu b'mod attiv f'dan il-proċess."

Il-clubs tal-Premier League, Hibernians u Birkirkara, ospitaw l-ewwel żewġ sessjonijiet ta' informazzjoni dwar l-integrità li qed ikomplu b'mod regolari.

# Tobba tal-MFA jattendu għall-UEFA Medical Symposium

Is-seba' UEFA Medical Symposium inżamm riċentement fil-kapitali Griega ta' Ateni.

Dr Kirill Micallef Stafrace, id-Direttur Mediku tal-Malta Football Association, u Dr Matthew Psaila, it-tabib tat-team nazzjonali Malti, attendew għal dan is-simpożju ta' tlett ijiem li kien iġib it-titlu ta' 'The importance of medicine in football'.

"Dan is-simpożju, li jinżamm kull erba' snin, iffoka fuq l-evoluzzjoni sinifikanti tal-mediċina fil-football f'dawn l-aħħar snin u r-rwol kruċjali tiegħu fil-logħba moderna.

Dan is-simpożju interessanti żgur ser jikkontribwixxi għax-xogħol ta' kuljum li jsir mit-tobba fit-timijiet fi ħdan l-assoċjazzjonijiet tal-football rispettivi tagħhom," qal Dr Micallef Stafrace.

Kienu diskussi diversi suġġetti, li jvarjaw minn aġġornamenti mediċi, studji mediċi li għaddejjin u studji dwar il-prestazzjoni sportivi sa stili ta' tmexxija dwar injuries u reviżjonijiet tal-linji gwida tal-UEFA.

Il-parteċipanti rċevew l-aħħar informazzjoni li ħarġet mill-UEFA Elite Club Injury Study u ddiskutew ukoll suġġetti li jiffukaw direttament fuq l-injuries fuq il-players nisa.

Kienu spjegati wkoll l-aġġornamenti fil-pitch-side medical bag. Ir-rwol vitali tat-tabib tat-team u s-set up mediku u xjentifiku fl-isport kienu diskussi waqt 'round table discussion' fit-tielet ġurnata tas-simpożju.

Il-coach Olandiż, Louis van Gaal, u l-Professur Jan Ekstrand, il-viċi Chairman tal-UEFA Medical Committee, ħadu sehem f'din id-diskussjoni.

Tobba mill-55 assoċjazzjoni nazzjonali membri tal-UEFA u għadd ta' clubs Ewropej kienu mistiedna jattendu għall-UEFA Medical Symposium 2018.

# L-MFA u Puttinu Cares b'inizjattivi biex iferrħu tfal u żgħażagħ li għaddejjin minn żmien diffiċli




Is-Suq tal-Belt, li għadu kemm ġie rinovat, serva bħala l-post li laqa' t-trofew oriġinali tat-Tazza tad-Dinja nhar is-Sibt, 10 ta' Frar, 2018.

Din l-attività kienet parti mit-Trophy Tour By Coca-Cola li qed torganizza l-FIFA qabel it-Tazza tad-Dinja li ser issir fir-Russja. It-trofew b'kollox se jżur 51 pajjiż u f'Malta dan kien possibbli permezz tal-kumpanija GSD Limited.

Il-Malta Football Association ħasset li dan l-avveniment kellu jitgawda wkoll minn tfal u żgħażagħ li jew qed jibbenefikaw mis-servizzi ta' Puttinu Cares jew għaddejjin minn żmien diffiċli.

Għaldaqstant, bħala parti mill-programm 'Football For Life', l-MFA allokat numru sostanzjali ta' inviti lil dawn il-persuni.

Fost dawn kien hemm Jaiden Muscat, iben l-ex goalkeeper internazzjonali Malti, Mario Muscat, li għadu kemm għamel is-sitt operazzjoni f'eta tenera.

"Wara ż-żmien diffiċli li kellu Jaiden u aħna miegħu, żgur li affarijiet bħal dawn itaffu xi ftit l-esperjenzi koroh ta' kuljum," qal Mario Muscat.

Yandrick Cassar, ġuvni ieħor li bbenefika mis-servizzi ta' Puttinu Cares fil-passat, qal li tara t-Tazza tad-Dinja daqsekk mill-viċin hija ħolma ta' kulħadd.

"Qatt ma nistgħu naslu hemm, imma xorta rajniha," ikkumenta Yandrick. Huwa appella lil dawk li għaddejjin minn żmien diffiċli biex "dejjem jaraw is-sabiħ tal-ħajja. Qatt taqta' qalbek u għamel kuraġġ ... għax huwa iktar importanti mill-kura."

Fost dawk preżenti fis-Suq Tal-Belt kien hemm Bjorn Vassallo, l-ex-Segretarju Ġenerali tal-MFA li llum jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Assoċjazzjonijiet Membri tal-Ewropa fi ħdan il-FIFA, li saħaq li bit-Tazza tad-Dinja, il-FIFA rnexxielha tgħaqqad in-nies flimkien.

Huwa wera s-sodisfazzjoni tiegħu li Malta, minkejja ċ-ċokon tagħha, xorta sabet ruħha fost il-51 pajjiż li ser jospitaw dan it-trofew uniku.

It-Tazza tad-Dinja f'Malta kienet akkumpanjata mill-ex player internazzjonali Franċiż, Christian Karembeu.

It-Tazza tad-Dinja waslet filgħodu fejn kienet milqugħa fl-ajruport mill-E.T. il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, flimkien mal-viċi-president tal-MFA, Dr Matthew Paris, u rappreżentanti u tal-kumpanija GSD.

## STEDINA GĦALL-PARTITA BEJN VALLETTA U BIRKIRKARA



Numru sabiħ ta' tfal u żgħażagħ li għaddew jew għaddejjin minn żmien diffiċli minħabba raġunijiet ta' saħħa, flimkien mal-familji tagħhom, kienu l-mistiedna tal-MFA biex isegwu l-partita tant mistennija mill-Kampjonat BOV Premier bejn Valletta FC u Birkirkara FC mit-Trophies Lounge, fil-25 ta' Frar. L-inviti ntbagħtu lil dawn il-persuni bil-kollaborazzjoni ta' Rennie Zerafa u Angele Cuschieri minn Puttinu Cares.

Fl-istess ġurnata, id-Direttur tal-Komunikazzjoni tal-MFA, Kevin Azzopardi, zar il-Higher Secondary School fin-Naxxar fejn ippreżenta kit uffiċjali tat-team nazzjonali Malti lil Nigel Spiteri, it-tifel ta' 12-il sena li seraq il-qlub tal-poplu Malti u Għawdxi bl-attitudni pożittiva u mill-aktar kuraġġuża li wera wara li sar jaf li għandu bżonn trapjant tal-qalb.

Ftit xhur wara li saritlu l-operazzjoni, Nigel ingħata l-permess mit-tobba biex jerġa' jibda jilgħab il-football, logħba li tant hi għal qalbu fejn Naxxar Lions Youth Nursery organizzaw avveniment, fil-25 ta' Frar, biex jilqgħu lil Nigel lura fosthom.

# Żjarat minn clubs lokali jqanqlu entużjażmu kbir fost l-istudenti





## Rispons pożittiv għal dawn l-inizjattivi tal-MFA



Fl-aħħar ġimgħat, il-Malta Football Association flimkien ma' diversi clubs tal-Premier niedew żjarat fl-iskejjel biex, fost l-oħrajn, ikattru l-interess fost it-tfal għal-logħba tal-ballun f'pajjiżna kif ukoll il-passjoni tagħhom lejn it-team tal-football tal-lokalitá.

Dawn iż-żjarat kienu kordinati minn Peter Busuttil, is-Supporter Liaison Officer fi ħdan l-MFA flimkien ma' Rodney Vassallo, mid-dipartiment tal-media u kommunikazzjoni.

Is-settur tal-Football Social Responsibility huwa term għal qalb l-assocjazzjoni li tagħti importanza xierqa lid-doveri li għandha lejn is-soċjetá Maltija.

Proprju fid-dawl ta' dan kollu, lejn l-aħħar ġimgħa ta' Frar u bħala parti mill-attivatijiet bi preparazzjoni għal-logħba mistennija bejn Valletta u Birkirkara, ġiet imnedija l-inizjattiva taż-żjarat fl-iskejjel.

Players taż-żewġ timijiet u b'mod separat żaru skola fil-lokalitá rispettiva tagħhom.

Tfal mill-iskola Primarja ta' Birkirkara taw merħba kbira lill-benjamini tagħhom, Cain Attard, Ryan Scicluna u tnejn mill-barranin Nikola Vukanac u Mislav Andelkovic. Preżenti wkoll kien hemm il-coach tat-team Paul Zammit.

Sadanittant merħba oħra kbira ngħatat lid-delegazzjoni ta' Valletta FC li żaret l-iskola Primarja San Ġorg Preca, fejn hawnhekk ħarġet il-passjoni li t-tfal Beltin għandhom minn ċkunithom lejn it-team tal-lokalitá tagħhom.

Tfal ta' din l-iskola wrew entużjażmu kbir hekk kif mill-bieb tal-bitħa feġġew Rowen Muscat, Claudio Pani u Matteo Piciollo, akkumpanjati mill-coach Danilo Doncic, it-Team Manager Gerald Ellul u l-Media Officer, Matthew Carbonaro.

Din l-inizjattiva maż-żewġ timijiet ħalliet il-frott għaliex flimkien ma' inizjattivi oħra fil-ġimgħa ta' qabel il-partita, wasslu biex 'il fuq minn 4,000 ruħ kienu preżenti fl-Istadium Nazzjonali, il-Ħadd 25 ta' Frar, għal-logħba bejn Valletta u Birkirkara.

Sadanittant, inizjattiva simili saret aktar riċenti qabel il-logħbiet, Birkirkara kontra Balzan u Valletta kontra Hibernians.

Kien imiss li jsiru żjarat lill-skejjel primarji f'Ħal-Balzan/Ħal-Lija/Iklin u Raħal Ġdid fejn anke hawnhekk il-ferħ fuq wiċċ it-tfal kien wieħed evidenti fejn setgħu jgawdu l-kumpanija ta' uħud mill-players favoriti tagħhom li anke hawnhekk, bħal ma ġara fl-iskejjel l-oħra, qalgħu ħlin konsiderevoli jiffirmaw xalel u 'merchandise' ieħor lit-tfal, f'għodwa għal kollox differenti minn tas-soltu għalihom, lil hinn mill-bankijiet tal-iskola.

Fost il-players li ħadu sehem kien hemm Paul Fenech, Alfred Effiong u Bojan Kalejvic, minn Balzan FC, u Andrei Agius, Bjorn Kristensen, Jurgen Degabriele u Jackson Lima għal Hibernians FC.

# Seminar tal-Ħarifa għall-uffiċjali elite u nazzjonali mal-osservaturi tar-referees


© Joe Borg 2018

Is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Frar 2018, ir-Refereeing Department tal-Malta Football Association organizza żewġ seminars importanti għar-referees u assistenti referees elite u nazzjonali, u għall-osservaturi tagħhom fejn attenda wkoll team ta' uffiċjali mill-Assoċjazzjoni tal-Football tal-Albanija, li kkontrolla wkoll żewġ partiti mill-kampjonati lokali.

Fl-introduzzjoni tiegħu, id-Direttur tar-Refereeing, Kevin Azzopardi, qal li f'dan l-istadju tal-istaġun, l-iskop ewlieni ta' dawn is-seminars kien li wieħed jieqaf ftit u jara fejn sejjer tajjeb, x'jista' jittejjeb u x'seta' mar ħażin fil-prestazzjonijiet s'issa. Huwa appella biex ilkoll jibqgħu motivati, "naħdmu u nimxu mat-tema magħżula għal dan l-istaġun – NGĦOLLU L-LIVELL ILKOLL FLIMKIEN".

L-ex referee internazzjonali Franċiż u preżentement UEFA Refereeing Officer, Marc Batta, mexxa s-seminar, prinċipalment b'żewġ sessjonijiet – 'Dealing with Major Decisions' u 'Teamwork and Effective Communication' – permezz ta' PowerPoint presentations u wiri ta' filmati b'sitwazzjonijiet meħuda minn diversi kompetizzjonijiet Ewropej, fejn ħarġet l-importanza ċara li r-referee jrid jitħarreġ sew, kemm fiżikament kif ukoll mentalment, biex ikun preparat isegwi l-azzjoni u jibqa' ffokat u kkonċentrat matul il-logħba kollha, kapaċi jieħu korrettament id-deċiżjonijiet mistennija minnu.

Marc Batta mexxa wkoll analiżi tal-partita tal-kwarti-finali tal-FA Trophy bejn Hibernians u Sliema Wanderers li ntlagħbet il-ġurnata ta' qabel – ikkontrollata mir-referee Matthew De Gabriele, l-assistenti referees Luke Portelli u Alan Camilleri, u r-raba' uffiċjal Fyodor Zammit – li għaliha attendew il-parteċipanti tas-seminar.

L-analiżi tmexxiet kif mitlub mill-UEFA: wara li ssemmiet l-importanza li l-ewwel u qabel kollox l-uffiċjali jagħmlu analiżi personali tal-prestazzjoni tagħhom, il-partita ġiet diskussa b'mod miftuħ mal-udjenza kollha, u mbagħad is-Sur Batta elenka xi sitwazzjonijiet li ġew analizzati u ta l-opinjonijiet finali tiegħu. Huwa ħa l-opportunità jagħti xi pariri siewja, fosthom li l-uffiċjali jagħtu kas dak li jgħidulhom l-Osservaturi tagħhom, u jkunu ambizzjużi dejjem lesti li jitjiebu. Fl-aħħarnett, huwa esprima l-pjaċir tiegħu li għal darb'oħra kien f'Malta, ma' grupp ta' uffiċjali motivati li nvolvew ruħhom sew fis-seminar.

Sessjonijiet oħra ġew indirizzati mid-Direttur tar-Refereeing, Kevin Azzopardi, bit-tema 'Basic, simple yet complicated!', filwaqt li n-national instructors, Charles Agius u Marco Borg, mexxew Video Test b'UEFA dvd clips, u Gaetano De Gabriele ittratta Consistent Application of Law 11 (offside).

Sessjonijiet separati għall-uffiċjali nazzjonali tmexxew mill-Assistent Diretturi Andrè Arciola u Adrian Azzopardi, u l-Kap tal-Unit tal-Osservaturi tar-Referees, Alex Arena.

Fl għeluq tas-seminar, Kevin Azzopardi qal li jidher li hemm sodisfazzjon ġenerali għall-prestazzjonijiet tal-uffiċjali sal-fażi li wasalna fiha fl-istaġun...u li kien seminar b'diversi punti ta' tagħlim għall-ġid tal-uffiċjali tagħna, li jipprometti tajjeb għall-kumplament ta' dan l-istaġun!




ritratti: Christine Borg, Dominic Borg

**Alfred Effiong (Balzan) attakkat minn Mislav Andelkovic (Birkirkara)**

# Balzan u Valletta

## jinqatgħu għalihom fl-isfida finali

It-taqtiegħa għar-rebħ tal-Kampjonat BOV Premier hija bejn Balzan u Valletta hekk kif fit-22 ġurnata nqatgħu għalihom għall-isfida f'din l-aħħar ġirja.

Il-leaders Balzan jinsabu punt qabel Valletta fejn, bla dubju, id-destin jinsab f'idejhom filwaqt li Valletta jridu jkomplu jsegwu fit-tentattiv li japprofittaw minn xi żelqa Balzanija.

Bħal kull edizzjoni, **Sportiv** isegwi l-progress tat-timijiet minn xahar għal ieħor. Bla dubju li fl-aħħar tliet logħbiet kienu Hamrun Spartans biss li rebħu l-logħbiet tagħhom filwaqt li Balzan u Valletta fallew żewġ punti kull wieħed. Min-naħa l-oħra, Mosta u Lija Athletic kienu l-uniċi żewġ timijiet li ma kisbu l-ebda punt.

Intant, il-progress tal-14-il team kien (in-numru fil-parentesi juri l-punti sat-22 ġurnata):

**Balzan (49)** - Matul l-aħħar tliet logħbiet, Balzan irreġistraw 7 punti meta għelbu lil Lija A. (3-0) u lil Birkirkara (3-1) iżda ġew miżmuma minn Gzira U. (0-0).

**Valletta (48)** - Bħal Balzan, Valletta wkoll kisbu 7 punti biex il-klassifika finnaħa ta' fuq baqgħet kif kienet. Wara li spiċċaw fi draw kontra Birkirkara (0-0), il-Beltin għelbu lil Tarxien R. (2-0) u lil Hibernians (2-1).

**Gzira United (42)** - Gzira U. ma tant marru tajjeb minħabba li kisbu biss 5 punti, fiż-żewġ draws ta' 0-0 kontra Floriana u Balzan u fir-rebħa ta' 5-3 fuq Mosta.

**Birkirkara (41)** - Wara sensiela ta' tmien rebħiet konsekuttivi, Birkirkara kisbu biss 4 punti li waslu fid-draw kontra Valletta (0-0) u fir-rebħa fuq Lija A. (2-1) iżda sfaw megħluba minn Balzan (3-1).

**Floriana (38)** - Floriana rreġistraw biss 5 punti meta fallew żewġ punti importanti kontra Senglea A. (0-0). Dan minbarra li spiċċaw fi draw ukoll kontra Gzira U. (0-0) u rebħu kontra Mosta (5-0).

**Hibernians (36)** - Hibernians bħal donnhom qatgħu l-kuntatt mal-ewwel erbgħa meta kisbu punt wieħed biss minn massimu ta' 9, fid-draw ta' 0-0 kontra Naxxar L. filwaqt li sfaw megħluba minn Sliema W. (1-0) u Valletta (2-1).

**Sliema Wanderers (36)** - Sliema Wanderers kisbu 7 punti biex laħqu lil Hibernians fil-klassifika. Huma kisbu żewġ rebħiet fuq Hibernians u St Andrew's bl-iskor identiku ta' 1-0 wara li ġew miżmuma minn Tarxien R. (1-1).

**Hamrun Spartans (34)** - Hamrun Spartans huma l-uniku team li akkwista punti massimi minn tliet partiti ... fir-rebħiet fuq Mosta (2-0), Senglea A. (3-0) u Naxxar L. (4-1) ... fejn skorjaw disa' goals u sofrew wieħed biss.

**Senglea Athletic (23)** - Senglea Athletic komplew jersqu lejn is-salvazzjoni meta rreġistraw 4 punti ... fir-rebħa fuq St Andrew's (2-1) u fid-draw kontra Floriana (0-0) iżda tilfu kontra Hamrun S. (3-0).

**Mosta (23)** - Mosta ma ħadu l-ebda punti mit-tliet logħbiet li lagħbu hekk kif





Matteo Piciollo (Valletta) iffaċċjat minn Timothy Tabone Desira (Hibernians)



Degran Jackson (St Andrew's) segwit minn Ryan Grech (Naxxar L.)

sfaw megħluba minn Hamrun S. (2-0), Floriana (5-0) u Gzira U. (5-3).

**Tarxien Rainbows (18)** - Fit-tentattiv li jsalvaw posthom, Tarxien Rainbows kisbu 4 punti importanti li waslu fil-konfront dirett kontra Lija A. (4-0) u fid-draw kontra Sliema W. (1-1) iżda sfaw megħluba minn Valletta (2-0).

**St Andrew's (17)** - St Andrew's jinsabu fil-periklu tar-relegazzjoni meta jinsabu fit-12-il post. Huma kisbu biss punt kontra Naxxar L. (0-0) iżda tilfu kontra Senglea A. (2-1) u Sliema W. (1-0).

**Naxxar L. (16)** - Naxxar Llons ukoll jinsabu fil-periklu li jitilfu posthom mal-kbar meta jinsabu fil-post ta' qabel l-aħħar. Huma rreġistraw biss żewġ punti ... fid-draws ta' mingħajr goals kontra Hibernians u St Andrew's, iżda sfaw megħluba minn Hamrun S. (4-1).

**Lija Athletic (5)** - Lija Athletic huma destinati li jitilfu posthom fl-ogħla diviżjoni hekk kif jinsabu f'qiegħ il-klassifika b'ħames punti ... u fl-aħħar tliet partiti ma għamlu l-ebda progress meta sfaw megħluba minn Balzan (3-0), Birkirkara (2-1) u Tarxien R. (4-0).

**Min Qed Jiskorja**

18 – Amadou Samb (Gzira U.).

13 – Bojan Kaljevic (Balzan).

12 – Mario Fontanella (Floriana).

9 – Jake Grech (Birkirkara); Ndubisi Emmanuel Okoye (Gzira U.).

8 – Clayton Failla (Hibernians); Samba Tounkara (Tarxien R., 5 ghal Gzira U.).

7 – Alfred Effiong (Balzan); Luke Montebello (Birkirkara); Ignacio Varela (Floriana); Erjon Beu (Lija A.); Ricardo Silva Faria (Tarxien R.).

6 – Lydon Micallef (Hamrun S.); Raphael Kooh Sohna (Lija A.); Leonardo Henrique Ferreira (Mosta); Yuri de Jesus Messias (Naxxar L.); Matteo Piciollo, Denni Rocha dos Santos (Valletta).

5 – Uros Ljubomirac (Balzan); Mauricio Vella, (Floriana); Jurgen Degabriele (Hibernians); Rene Caseres, Nikola Gonzalo Virano (Senglea A.); Joseph Farrugia (St Andrew's); Jefferson de Assis (Sliema W.); Ryan Darmanin (Tarxien R.); Santiago Malano (Valletta).

4 – Edoardo Di Fiori Mendes (Balzan); Srdjan Dimitrov (Birkirkara); Juninho Cabral (Floriana); Andrew Cohen (Gzira U.); Daniel Bustos, Scott Fenwick (Naxxar L); Terence Vella (Senglea A.); Kemar Reid (St Andrew's); Gabriel Aquilina (Tarxien R., 2 ghal Sliema W.), Kylian Nwoko (Valletta).

3 – Francisco Manuel Clavero, Marco Criaco, Alex Nilsson, Thiago Souza de Silveira, Cristian Zaccardo (Hamrun S.); Jorge Elias dos Santos, Dunstan Vella (Hibernians); Tyrone Farrugia, Wendell dos Santos (Mosta); Matias Garcia, Nicola Palmieri (Senglea A.); Nikolae Milinceanu, Matias Muchiardi, Frank Temile (Sliema W.); Wellington de Oli-veira (Tarxien R.); Albert Prosa (Valletta).

2 – Siraj Arab, Milos Lepovic (1 ghal Hamrun S.), Alex de Paixo Alves, Elkin Serrano Valero (Balzan); Carlos Alberto, Bruno Fernandes Andrade, Matthew Guillaumir, Edward Herrera (Birkirkara); Enzo Ruiz, Steve Pisani (Floriana); Damir Bartulovic, Haruna Garba (Gzira U.); ); Davide Succi, Daniel Zerafa (Hamrun S.); Johann Bezzina, Joao Moreiro, Marco Sahanek (Hibernians); Abubakar Bello Osagie, Lee Joe Schembri (Lija A.); Davide Mansi, Dexter Xuereb (Mosta); Duane Bonnici, Darren Falzon (Naxxar L.); Ivan Paz, Peter Sammut (Senglea A.); John Mintoff, Mark Scerri (Sliema W.); Andre Scicluna (Tarxien R.); Michael Mifsud (Valletta).

1 – Ryan Fenech (Balzan); Terence Agius, Cain Attard, Waldemar Jesus Acosta Ferreira, Martin Klein, Ernest Nfor, Fabiano Oliveira, Ryan Scicluna, Nikola Vukanac (Birkirkara); Arthur Henrique Oyama, Michele Paolucci (Floriana); Juan Corbolan, Gary Muir, Nikolai Muscat, Moises Avila Perez, Andre White (Gzira U.); Triston Caruana, Guilherme Felipe de Castro, Arthur Faria Machado, Jose' Mauricio Marinho, Pedro Henrique, Thiago Espindola de Paula, Luke Sciberras (Hamrun S.); Andrei Agius, Martin Kreuzriegler, Jackson Lima, Arlindo Oliveira Neto, Jorge Pereira da Silva (Hibernians); Patrick Borg, Miranda Gomez, Djamel Leeflong (Lija A.); James Brincat, Zachary Brincat, Calvin Camilleri, Cristian Fernandez, Gordon Henshaw, Ivan Maric (Mosta); Adrian Cascaval, Mark Fenech, Jean Diego Moser (Naxxar L.); Kilian Amehi, Stefano Bianchiardi, Nikola Gavric, Alex Muscat, Frenci Qeros, Michele Sansone, Ryan Spiteri, Peter Xuereb (Sliema Wanderers); Aiden Friggieri, Degran Jackson, Nehemiah Perry, Jacob Walker (St Andrew's); Artur Benes, Matteo Desira Buttigieg, Edouard Marian Calin, Matas Dieye, Godwin McKay, Misael Miranda (Tarxien Rainbows); Miguel Angel Alba, Nikola Asceric, Jean Borg, Russell Fenech, Juan Cruz Gill, Claudio Pani (Valletta).

Auto-Goals (7) – Matthew Spiteri (Tarxien R.) favur Hamrun S. 1-4; Sem Kemana (Gzira U.) favur Mosta 2-2; Goran Adamovic (Sliema W.) favur Floriana 0-1; Ousmane Sidibe (Lija A.) favur Floriana 0-6; v Sliema W. 0-2; Sergio Uyi (Senglea A.) favur Birkirkara 0-5; Ebiabowei Baker (Tarxien R.) favur Naxxar L. 5-2; Daniele Mansi (Mosta) favur Floriana 0-5.

# KAMPJONAT PREMIER

## II Round

**Logħba Nru 134 - 23.02.18 - 18.00 hrs**
Naxxar Lions 0

Hibernians 0

**Victor Tedesco Stadium**
**Naxxar L.** – 1-Christoph Nicht, 2-Rafael Santos Henriques Caetano, 3-Mailson Souza Duerta Junior, 9-Manolito Micallef, 11-Duane Bonnici, 15-Ryan Gilmour Cassar, 19-Daniel Mateo Bustos, 22-Matheus Verissimo Casarotto, 23-Mark Fenech (10-Daren Falzon 90), 28-Rodrigo Leandro Da Costa (20-Angus Buhagiar 64) (16-Jurgen Debono 90), 91-Yuri de Jesus Messias
Coach – Oliver Spiteri
**Hibernians** – 24-Rudy Briffa, 4-Dunstan Vella, 5 Martin Kreuzriegler, 23-Jorge Pereira Da Silva, 10-Jurgen Degabriele (99-Arlindo Oliveira Neto, 72'), 13-Clayton Failla, 19-Johann Bezzina, 20-Andrei Agius, 17-Joao Moreira (31-Giorgi Gorozia, 15'), 22-Joseph Mbong, 7-Jackson Lima
Coach – Mark Miller
Referee – Stefan Pace
Assistenti – Edward Spiteri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Malcolm Spiteri
Ammoniti – J. Lima, C. Failla, Johann Bezzina (H); M. Souza Duerta Junior, R. Santos Henriques Caetano, D.M. Bustos (NL)

## II Round

**Logħba Nru 137 - 24.02.18 - 16.00 hrs**
Sliema Wanderers 1
N. Milinceanu 26
Tarxien Rainbows 1
G. Aquilina
HT 1-1 **National Stadium**
**Sliema W.** – 12-Antonio Cotticelli, 5-Kilan Amehi (21-Ryan Spiteri, 79'), 4-Mattias Muchardi, 14-Frank Temile, 15-Nicolai Milinceanu, 18-Edmond Agius (16-Michele Sansone, 90'), 6-Jonathan Pearson, 17-Peter Xuereb (13-Frenci Qeros, 60'), 23-Ricardo Calisto, 7-John Mintoff, 3-Kurt Shaw
Coach – John Buttigieg
**Tarxien Rainbows** – -Andrea Cassar, 4-Stefan Radovanovic, 5-Ebiabowei Baker, 10-Gabriel Aquilina, 14-Andrew Agius (8-Matthew Spiteri, 88'), 15-Luke Grech, 16-Andre Scicluna, 18-Samba Tounkara, 19-Wellington de Oliveira Viera (9-Dieye Matar, 82'), 21-Eduard Calin, 22-Ricardo Silva Faria
Coach – José Borg
Referee – Ishmael Barbara
Assistenti – Mitchell Scerri, Theodore Zammit
Raba' Uff. – Mario Apap
Ammoniti – R. Calisto Correa, (SW); L. Grech, A. Scicluna, E. Calin (TR)

## II Round

**Logħba Nru 140 - 25.02.18 - 16.00 hrs**
Valletta 0

Birkirkara 0

**National Stadium**
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano, 14-Kyrian Nwoko (21-Denni Rocha Dos Santos 82), 18-Enmy Manuel Pena Beltre, 19-Joseph Zerafa, 20-Raed Ibrahim Saleh (9-Michael Mifsud 87), 24-Rowen Muscat, 27 Miguel Angel Alba (10 Matteo Piciollo 66), 99-Albert Prosa
Coach – Danilo Doncic
**Birkirkara** – 26-Kristijan Naumovski, 5-Fernando Barbosa Pereira, 8-Mislav Andelkovic, 10-Jake Grech (23-Terrance Agius 81), 11-Kurt Zammit, 14-Ognjen Rolovic, 15-Nikola Vukanac, 17-Carlos Alberto Da Silva Goncalves Junior (25-Gianluca Zammit 88), 20-Srdan Dimitrov (2-Edward Herrera 71), 21-Ryan Scicluna, 22-Cain Attard
Coach – Paul Zammit
Referee – Glenn Tonna
Assistenti – Mitchell Scerri, Duncan Sultana
Raba' Uff. – Thomas Debono
Ammoniti – N. Vukanac, C. Attard (B), M. Piciollo (V)

## II Round

**Logħba Nru 143 - 03.03.2018 - 16.00 hrs**
Tarxien Rainbows 0

Valletta 2
S. Malano 51, M. Piciollo 55
HT 0-0 **National Stadium**
**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 4-Stefan Radovanovic, 5-Ebiabowei Baker, 10-Gabriel Aquilina, 14-Andrew Agius, 15-Luke Grech, 20-Antonio Mitrev, 18-Samba Tounkara, 19-Wellington De Oliveira Viera (6-Godwin McKay 71), 21-Eduard Marian Calin (8-Matthew Spiteri 60), 22-Ricardo Silva Faria (11-James Brincat 85)
Coach – Jose Borg
**Valletta** – 13-Nicky Vella, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano, 10-Matteo Piciollo, 18-Enmy Manuel Pena Beltre, 19-Joseph Zerafa (16-Jean Borg 77), 20-Raed Ibrahim Saleh, 24-Rowen Muscat, 27-Miguel Angel Alba (17-Umeh Uchenna Calistus 70), 99-Albert Prosa (14-Kyrian Nwoko 54)
Coach – Danilo Doncic
Referee – Eman Grech
Assistenti – Duncan Sultana, Dusan Petrovic
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – E. Baker, S. Radovanovic, A. Mitrev (TR), R. Camilleri, E. Pena Beltre (V)
Tkecca – E. Baker 66 (TR)

## II Round

**Logħba Nru 135 - 24.02.18 - 14.00 hrs**
Lija Atheltic 0

Balzan 3
A. Effiong 31, C. de Fiori Mendes 60, S. Arab 71
HT 0-1 **National Stadium**
**Lija A.** – 12-Luke Bonnici, 13-McAllister Clinch (9-Dylan Agius, 81'), 5-Patrick Borg, 6-Daniel Scerri, 22-LeeJoe Schembri, 8-Aaron Sammut, 23-Vilfor Hysa (21-Raphael Kooh Sohna, 53'), 24-Ousmane Sidibe, 25-Kei Hirose, 7-Erjon Beu, 20-Ryan Sammut (16-Gabriel Borg, 75'
Coach – Joseph Galea
**Balzan** – 1-Sean Mintoff, 18-Uros Ljubomirac, 17-Alfred Effiong (19-Jamie Zerafa, 77'), 14-Harry Andrew Ascroft, 50-Bruno Giglio de Oliveira, 20-Ivan Bozovic, 99-Milos Lepovic (16-Clive Brincat, 74'), 10-Siraj Arab, 9-Alex de Paixao Alves, 4-Justin Grioli (88-Fabio Attard, 86'), 30-Carlos Edoardo de Fiori Mendes
Coach – Marko Micovic
Referee – Darryl Agius
Assistenti – Roberto Vella, Paul Apap
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – M. Clinch (LA); C. de Fiori Mendes (B)

## II Round

**Logħba Nru 138 - 24.02.18 - 16.00 hrs**
Gzira United 0

Floriana 0

**Hibernians Stadium**
**Gzira U.** – 17-Justin Haber, 21-Roderick Briffa, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 4-Destin Prince-Loic Mambouana, 25-Kris Thackray, 14-Moises Avila Perez (99-Haruna Garba 72), 30-Edison David Bilbao Zarate (6-Nikolai Muscat 66), 10-Andrew Cohen (11-Juan Corbolan 89), 8-Zack Scerri, 77-Amadou Samb, 31-Ndubisi Emmanuel Okoye
Coach – Darren Abdilla
**Floriana** – 12-Ini Etim Akpan, 4-Sebastian Nayar, 5-Enrico Pepe, 7-Steve Pisani, 11-Juninho Cabral, 17-Jurgen Pisani, 20-Michele Paolucci (30-Dylan Grima 75), 22-Alex Cini, 26-Arthur Oyama, 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcelina
Coach – Nicolas Chiesa
Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Jurgen Spiteri, Dusan Petrovic
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – N. E. Okoye, E. D. Bilbao Zarate, A. Cohen (GU); A. Cini, S. Nayar, D. Grima (F)

## II Round

**Logħba Nru 141 - 03.03.2018 - 14.00 hrs**
Floriana 5
D. Mansi og 34, J. Cabral pen. 47, M. Paolucci 67, M. Fontanella 74, 80
Mosta 0

HT 1-0 **National Stadium**
**Floriana** – 12-Ini Etim Akpan, 5-Enrico Pepe, 7-Steve Pisani, 10-Maurizio Vella, 11-Juninho Cabral, 17-Jurgen Pisani, 20-Michele Paolucci (21-Denilson Borg Castaldi 79), 22-Alex Cini (13-Jake Stensen 83), 30-Dylan Grima, 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcelina (16-Bradley Sciberras 79)
Coach – Nicolas Chiesa
**Mosta** – 1-Andreas Vella, 15-Ivan Maric, 23-Massimo Sammartino, 33-Thomas Veronese, 11-Kurt Magro, 5-Davide Mansi (9-Jan Tanti 54), 22-Tyrone Farrugia, 30-Emmanuel Akwa Dei Agyemeng (4-Nicholas Farrugia 64), 18-Damir Bartulovic, 77-Zachary Brincat, 10-Giordano Trovade (14-Dexter Xuereb 73)
Coach – Johann Scicluna
Referee – Darryl Agius
Assistenti – Roberto Vella, Paul Apap
Raba' Uff. – Malcolm Spiteri
Ammoniti – D. Mansi, M. Sammartino (M)

## II Round

**Logħba Nru 144 - 03.03.2018 - 16.00 hrs**
St. Andrew's 0

Naxxar Lions 0

HT xx **Hibernians Stadium**
**St. Andrew's** – 1-Matthew Calleja Cremona, 5-Adrian Borg, 8-Misael Miranda Gomez (10-Marcus Grima 58), 11-Joseph Farrugia, 14-Jason Vandelannoite, 16-Matthew Gauci, 19-Martin Davis (17-Jacob Walker 68), 20-Ricardo Martin, 21-Degran Jackson, 22-Kemar Reid, 23-Travis Blagrove
Coach – Michael Woods
**Naxxar L.** – -Christoph Nicht, 2-Rafael Santos Henriques Caetano (18-Joel Ellul 86), 3-Mailson Souza Duarte Junior, 8-Ryan Grech, 9-Manolito Micallef, 11-Duane Bonnici, 15-Ryan Gilmour Cassar (10-Daren Falzon 58), 19-Daniel Mateo Bustos, 22-Matheus Verissimo Casarotto, 24-Elhadji Ousseynou Ndoye, 91-Yuri De Jesus Messias
Coach – Oliver Spiteri
Referee – Mario Apap
Assistenti – Chris Francalanza, Peter Abela
Raba' Uff. – Sandro Spiteri
Ammoniti – R. Grech, D. Bonnici, D. Falzon (N), D. Jackson (SA)
Tkecca – D. Jackson 80 (SA)

## II Round

**Logħba Nru 136 - 24.02.18 - 14.00 hrs**
Senglea Athletic 2
M. Garcia 3, I. Paz 82 (Sen. A)
St. Andrew's 1
J. Farrugia 78
HT 1-0 **Hibernians Stadium**
**Senglea A.** – 16-Matthew Farrugia, 5-Randall Vella, 4-Jonathan Bondin, 13-Sergio Uyi, 19-Julian Leyton, 8-Matias Garcia, 2-Hubert Vella (27-Steve Bonnici 74), 11-Ivan Paz, 10-Terence Vella, 21-Augusto Caseres (20-Peter Sammut 77), 7-Brago Gregori (6-Brian A. Volpini 86)
Coach – Paolo Favaretto
**St. Andrew's** – 1-Matthew Calleja Cremona, 5-Adrian Borg, 8-Misael Miranda Gomez, 9-Tano Azian, 10-Marcus Grima (15-Kevaughn Atkinson 65), 11-Joseph Farrugia, 14-Jason Vandelannoite, 16-Matthew Gauci, 17-Jacob Walker (23-Travis Blagrove 56), 21-Degran Jackson, 22-Kemar Reid
Coach – Michael Woods
Referee – Sandro Spiteri
Assistenti – Luke Portelli, Peter Abela
Raba' Uff. – Eman Grech
Ammoniti – M. Grima, J. Vandelannoite, M. Gauci, M. Calleja Cremona, T. Blagrove (SA)

## II Round

**Logħba Nru 139 - 25.02.18 - 14.00 hrs**
Mosta 0

Hamrun Spartans 2
A. Nilsson 65, 85
HT 0-0 **National Stadium**
**Mosta** – 1-Andreas Vella, 28-Ismael Karba Bangoura (7-Leonardo Henrique Ferreira 61), 23-Massimo Sammartino, 33-Thomas Veronese, 11-Kurt Magro, 5-Davide Mansi, 22-Tyron Farrugia, 99-Moussa Soare, 14-Dexter Xuereb (4-Nicholas Farrugia 82), 77-Zachary Brincat, 10-Giordano Trovade (9-Jan Tanti 70)
Coach – Johann Scicluna
**Hamrun S.** – 1-Steve Sultana, 77-Marco Criaco, 93-Thiago Espindola De Paula, 81-Cristian Zaccardo, 16-Guilherme Felipe De Castro, 30-Karl Micallef, 17-Arthur Faria Machado (99-Daniel Debono 90), 7-Triston Caruana, 70-Lydon Micallef (45-Luca Celotto 77), 4-Dale Camilleri, 9-Alexander Nilsson
Coach – Jacques Scerri
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Roberto Vella, Paul Apap
Raba' Uff. – Darryl Agius
Ammoniti – K. Magro (M), K. Micallef (HS)

## II Round

**Logħba Nru 142 - 03.03.2018 - 14.00 hrs**
Birkirkara 2
J. Grech 47, E. Herrera 73
Lija Athletic 1
R. Kooh Sona 71

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Birkirkara** – 26-Kristijan Naumovski, 15-Nikola Vukanac, 5-Fernando Barbosa Perreira, 8-Mislav Andelkovic, 20-Srdjan Dimitrov (25-Gianluca Zammit 85), 19-Walder Jesus Acosta Ferreira (14-Ognejn Rolovic 75), 2-Edward Herrera, 22-Cain Attard, 11-Kurt Zammit, 21-Ryan Scicluna, 10-Jake Grech (23-Terence Agius 68)
Coach – Paul Zammit
**Lija Athletic** – 12-Luke Bonnici, 13-McAllister Clinch (3-Predrag Babic 75), 5-Patrick Borg, 6-Daniel Scerri, 22-Leejoe Schembri (19-Nigel Spiteri 83), 8-Aaron Sammut, 21-Raphael Alain Kooh Sona, 24-Ousmane Sidibe, 17-Kei Hirose, 7-Erjon Beu, 20-Ryan Sammut
Coach – Joseph Galea
Referee – Matthew Degabriele
Assistenti – Jurgen Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – R. Scicluna (B), D. Scerri, P. Borg

## II Round

**Logħba Nru 145 - 04.03.2018 - 14.00 hrs**
Hamrun Spartans 3
T. I. Souza de Silveira 47, L. Micallef 67, C. Zaccardo 80
Senglea Athletic 0

HT 0-0 **National Stadium**
**Hamrun S.** – -Steve Sultana, 5-Tiago Souza Da Silveira (30-Karl Micallef 87), 93-Thiago Espindola De Paula, 81-Cristian Zaccardo, 16-Guilherme Felipe De Castro, 6-Daniel Zerafa, 17-Arthur Faria Machedo (10-Russell Vella 83), 7-Triston Caruana, 70-Lydon Micallef (20-Darren Borg 83), 4-Dale Camilleri, 9-Alex Nilsson
Coach – Jacques Scerri
**Senglea A.** – 16-Matthew Farrugia, 5-Randall Vella, 4-Jonathan Bondin, 13-Sergio Uyi, 19-Julian Leyton, 8-Matias Garzia, 15-Gonzalo Nicolas Virano (14-Jurgen Suda 64), 11-Ivan Paz (2-Hubert Vella 54), 10-Terence Vella, 9-Nicola Palmieri (20-Peter Paul Sammut 27), 7-Brago Gregori
Coach – Paolo Favretto
Referee – Ishmael Barbara
Assistenti – Mitchell Scerri, Luke Portelli
Raba' Uff. – Glen Tonna
Ammoniti – T. Da Silva Pereira 47, L. Micallef 68 (H)
Tkeċċa – J. Leyton 66 (H)

## II Round

**Logħba Nru 146 - 04.03.2018 - 16.00 hrs**

Hibernians 0

Sliema Wanderers 1

M. Muchardi Matias 50 pen

HT 0-1 **National Stadium**

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 4-Dusntan Vella, 5-Martin Kreuzriegler, 7-Jackson Lima (2-Timothy Tabone Desira 84), 8-Rodolfo Soares, 10-Jurgen Degabriele (99-Arlindo Oliveira Neto 72), 13-Clayton Failla (19-Johann Bezzina 62), 20-Andrei Agius, 22-Joseph Mbong, 23-Jorge Pereira Da Silva, 31-Giorgi Gorozia

**Coach** – Mark Miller

**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 33-Stefano Bianciardi, 4-Matias Muchardi, 14-Frank Temile, 11-Ashong Ni Nortey, 18-Edmond Agius (10-Luke Anthony Borg 84), 16-Michele Sansone (9-Jefferson De Assis 64),13-Frenci Qeros, 23-Ricardo Calixto (21-Ryan Spiteri 90), 7-John Mintoff, 3-Kurt Shaw

**Coach** – John Buttigieg

Referee – Clayton Pisani

Assistenti – Alan Camilleri, Theodore Zammit

Raba' Uff. – Eman Grech

Ammoniti – : A. Agius, J. Lima, G. Gorozia, M. Kreuzriegler (H), S. Bianciardi (S)

## II Round

**Logħba Nru 147 - 05.03.2018 - 19.00 hrs**

Balzan 0

Gzira United 0

**Centenary Stadium**

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 18-Uros Ljubomirac, 17-Alfred Effiong (10-Siraj Eddin Arab 79), 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 8-Paul Fenech, 20-Ivan Bozovic (4-Justin Grioli 90), 15-Michael Johnson, 11-Steve Bezzina, 9-Alex Da Paixao Alves, 86-Bojan Kaljevic, 30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes

**Coach** – Marko Micovic

**Gzira U.** – 17-Justin Haber, 21-Roderick Briffa, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 4-Destin Prince-Loic Mambouana, 25-Kris Thackray, 14-Moises Avila Perez, 30-Edison David Zarate Bilbao, 99-Haruna Zambuk Garba, 8-Zack Scerri (6-Nikolai Muscat 75), 77-Amadou Samb (11-Juan Corbolan 90), 31-Ndubisi Emmanuel Okoye

**Coach** – Darren Abilla

Referee – Glen Tonna

Assistenti – Alan Camilleri, Duncan Sultana

Raba' Uff. – Edward Spiteri

Ammoniti – E.D. Zarate Bilbao (GU); B. Kaljevic, A. Effiong, U. Ljubomirac (B)

## II Round

**Logħba Nru 148 - 09.03.2018 - 19.00 hrs**

Lija Athletic 0

Tarxien Rainbows 4

A. Scicluna 17, S. Tounkara 31, 40, G. Aquilina 79

HT 0-3 **Centenary Stadium**

**Lija A.** – .. 12-Luke Bonnici, 9-Dylan Agius, 5-Patrick Borg, 6-Daniel Scerri, 19-Nigel Spiteri (17-Claudio Gerardo Celis 57), 8-Aaron Sammut, 21-Alain Rapha Kooh Sohna, 15-Ousmane Sidibe, 16-Kei Hirose, 23-Vilfor Hysa (22-Leejoe Schembri 54), 20-Ryan Sammut (10-Antoine Borg 75)

**Coach** – Joseph Galea

**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar (12-Dean Sciberras 83), 4-Stefan Radovanovic, 10-Gabriel Aquilina, 16-André Charles Scicluna, 15-Luke Grech, 18-Samba Tounkara, 19-Wellington De Oliveira Viera (7-Matthew Brincat 73), 20-Antonio Mitrev, 21-Eduard Marian Calin, 22-Ricardo Silva Faria, 33-Sean Cipriott (23-Boubacar Faye Traore 61)

**Coach** – Jose Borg

Referee – Jude Amin Utulu

Assistenti – Jurgen Spiteri, William Debattista

Raba' Uff. – Philip Farrugia

Ammoniti – P. Borg, D. Scerri (LA)

## II Round

**Logħba Nru 149 - 10.03.2018 - 14.00 hrs**

Senglea Athletic 0

Floriana 0

**National Stadium**

**Senglea A.** – 16-Matthew Farrugia, 4-Jonathan Bondin, 27-Steve Bonnici, 13-Sergio Uyi, 3-Ian Azzopardi, 8-Matias Garzia, 2-Hubert Vella, 11-Ivan Paz, 6-Brian Volpini, 10-Terence Vella (7-Braga Gregori 90), 20-Peter Sammut (15-Gonzalo Virano 86)

**Coach** – Paolo Favaretto

**Floriana** – 12-Ini Etim Akpan (24-Matthew Grech 85), 4-Sebastian Nayar, 5-Enrico Pepe, 7-Steve Pisani, 10-Maurizio Vella, 11-Juninho Cabral, 17-Jurgen Pisani, 20-Michele Paolucci (30-Dylan Grima 46), 22-Alex Cini, 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcelina

**Coach** – Nicholas Chiesa

Referee – Fyodor Zammit

Assistenti – Luke Portelli, Mitchell Scerri

Raba' Uff. – Glen Tonna

Ammoniti – M. Garzia, J. Bondin (SA), S. Pisani, E. Pepe (F)

## II Round

**Logħba Nru 150 - 10.03.2018 - 14.00 hrs**

Sliema Wanderers 1

K. Ameni 73

St. Andrew's 0

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 14-Frank Temile, 18-Edmond Agius (5-Kilan Ameni 68), 16-Michele Sansone, 11-Ashong Nii Nortey, 33-Stefano Bianciardi, 4-Mathias Muchardi, 7-John Mintoff, 23-Ricardo Calixto Correa Duarte (21-Ryan Spiteri 83), 3-Kurt Shaw, 13-Frenci Qeros

**Coach** – John Buttigieg

**St. Andrew's** – -Matthew Calleja Cremona, 5-Adrian Borg, 8-Misael Miranda Gomez, 11-Joseph Farrugia, 14-Jason Vandelannoite, 16-Matthew Gauci, 9-Tano Azian, 15-Kevaughn Atkinson (17-Jacob Walker 64), 10-Marcus Grima, 22-Kemar Reid, 23-Travis Blagrove

**Coach** – Michael Woods

Referee – Etienne Mangion

Assistenti – Alan Camilleri, Peter Abela

Raba' Uff. – Clayton Pisani

Ammoniti – F. Qeros, A. N. Nortey (S), M. Gauci (SA)

## II Round

**Logħba Nru 151 - 10.03.2018 - 16.00 hrs**

Birkirkara 1

R. Scicluna 88

Balzan 3

M. Lepovic 10, C.E. De Fiori Mendes 49, A. Effiong 74

HT 0-2 **National Stadium**

**Birkirkara** – 26-Kristijan Naumovski, 2-Edward Herrera, 5-Fernando Barbosa Pereira, 8-Mislav Andelkovic, 11-Kurt Zammit, 14-Ognjen Rolovic (25-Gianluca Zammit 83), 15-Nikola Vukanac, 17-Carlos Alberto Da Silva Goncalves Junior, 20-Srdan Dimitrov (10-Jake Grech 54), 21-Ryan Scicluna, 22-Cain Attard (28-Ayrton Attard 83)

**Coach** – Paul Zammit

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic (1-Sean Mintoff 76), 18-Uros Ljubomirac, 17-Alfred Effiong, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 8-Paul Fenech, 20-Ivan Bozovic (4-Justin Grioli 63), 15-Michael Johnson, 11-Steve Bezzina, 9-Alex Da Paixao Alves (10-Siraj Eddin Arab 73), 99-Milos Lepovic, 30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes

**Coach** – Marko Micovic

Referee – Trustin Farrugia Cann

Assistenti – Duncan Sultana, Jurgen Spiteri

Raba' Uff. – Dusan Petrovic

Ammoniti – E. Herrera, K. Naumovski (Bk), A. Effiong, I. Bozovic, M. Johnson, C.E. De Fiori Mendes (Bz)

## II Round

**Logħba Nru 152 - 10.03.2018 - 16.00 hrs**

Naxxar Lions 1

M. Fenech 11

Hamrun Spartans 4

D. Zerafa 2, L. Micallef 9 pen, A. Nilsson 89, C. Zaccardo 90

HT 1-2 **Hibernians Stadium**

**Naxxar L.** – 1-Christoph Nicht, 2-Rafael Santos Henriques Caetano, 3-Mailson Souza Duarte Junior, 8-Ryan Grech, 9-Manolito Micallef, 11-Duane Bonnici, 22-Matheus Veriissimo Casarotto, 23-Mark Fenech, 24-Elhadji Oussenyou Ndoye, 26-Djilali Balhadj, 91-Yuri De Jesus Messias

**Coach** – Oliver Spiteri

**Hamrun S.** – 22-Jake Galea, 77-Marco Criaco, 93-Thiago Esoindola De Paula, 81-Cristian Zaccardo, 6-Daniel Zerafa, 5-Tiago Souza Da Silveira, 17-Arthur Faria Machedo (20-Luca Celotto 90), 7-Triston Caruana (10-Julian Galea 72), 70-Lydon Micallef (30-Karl Micallef 82), 4-Dale Camilleri, 9-Alex Nilsson

**Coach** – Jacques Scerri

Referee – Malcolm Spiteri

Assistenti – Edward Spiteri, Chris Francalanza

Raba' Uff. – Alan Mario Sant

Ammoniti – M. Micallef, R. Grech, R. Santos Henriques Caetano (NL), A. Faria Machedo (HS)

## II Round

**Logħba Nru 153 - 11.03.2018 - 14.00 hrs**

Mosta 3

D. Bartulovic pen. 16, 84, L. H. Ferreira 34

Gzira United 5

A. Cohen 8, 11, N. E. Okoye 17, 52, H. Garba 47

HT 1-3 **National Stadium**

**Mosta** – 1 - Andreas Vella, 7 - Leonardo Henrique Ferreira, 23 - Massimo Sammartino, 33 - Thomas Veronese (2 - Jurgen Grech 84), 11 - Kurt Magro, 18 - Damir Bartulovic (8 - Kyle Frendo 70), 22 - Tyrone Farrugia, 77 - Zachary Brincat, 14 - Dexter Xuereb, 15 - Ivan Maric, 19 - David Efanji Nworah (28 - Ismael Karba Bangoura 60)

**Coach** – Johann Scicluna

**Gzira U.** – 1 - Anthony Curmi, 21 - Roderick Briffa, 26 - Sacha Borg, 4 - Destin Prince Loic-Mambouana, 13 - Clifford Gatt Baldacchino, 14 - Moises Avila Perez, 30 - Edison David Bilbao Zarate (11 - Juan Carlos Corbolan 65), 99 - Haruna Garba (9 - Luca Brincat 82), 10 - Andrew Cohen (44 - Antonio Orlando Machedo Neto 85), 6 - Nikolai Muscat, 31 - Ndubisi Emmanuel Okoye

**Coach** – Darren Abdilla

Referee – Philip Farrugia

Assistenti – Jurgen Spiteri, William Debattista

Raba' Uff. – Jude Utulu

Ammoniti – D. E. Nworah, K. Magro, T. Veronese, D. Xuereb (M)

## II Round

**Logħba Nru 154 - 11.03.2018 - 16.00 hrs**

Valletta 2

S. Malano 25, A. Prosa 30

Hibernians 1

J. Degabriele 43

HT 2-1 **National Stadium**

**Valletta** – 1-Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano (16-Jean Borg 86), 10-Matteo Piciollo, 18-Enmy Manuel Pena Beltre, 19-Joseph Zerafa, 20-Raed Ibrahm Saleh, 24-Rowen Muscat, 27-Miguel Angel Alba (23-Claudio Pani 64), 99-Albert Prosa (14-Kyrian Nwoko 76')

**Coach** – Danilo Doncic

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 4-Dunstan Vella, 5-Martin Kreuzriegler, 7-Jackson Lima, 8-Rodolfo Soares, 13-Clayton Failla (22-Joseph Mbong 70), 19-Johann Bezzina (10-Jurgen Degabriele 34), 20-Andrei Agius, 23-Jorge Pereira Da Silva, 31-Giorgi Gorozia (99 Arlindo Oliveira Noto 65), 2-Timothy Tabone Desira

**Coach** – Mario Muscat

Referee – Alan Mario Sant

Assistenti – Roberto Vella, Paul Apap

Raba' Uff. – Thomas Debono

Ammoniti – J. Lima, A. Agius, J. Mbong (H), E. M. Pena Beltre (V)

## Kif jinsabu

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan | 22 | 14 | 7 | 1 | 37 | 14 | 49 |
| Valletta | 22 | 14 | 6 | 2 | 33 | 9 | 48 |
| Gzira U. | 22 | 12 | 6 | 4 | 43 | 29 | 42 |
| Birkirkara | 22 | 13 | 2 | 7 | 36 | 21 | 41 |
| Floriana | 22 | 10 | 8 | 4 | 37 | 13 | 38 |
| Hibernians | 22 | 10 | 6 | 6 | 30 | 13 | 36 |
| Sliema W. | 22 | 10 | 6 | 6 | 29 | 19 | 36 |
| Hamrun S. | 22 | 10 | 4 | 8 | 34 | 22 | 34 |
| Senglea A. | 22 | 6 | 5 | 11 | 22 | 36 | 23 |
| Mosta | 22 | 6 | 5 | 11 | 25 | 43 | 23 |
| Tarxien R. | 22 | 5 | 3 | 14 | 28 | 50 | 18 |
| St Andrews | 22 | 4 | 5 | 13 | 18 | 39 | 17 |
| Naxxar L. | 22 | 3 | 7 | 12 | 22 | 37 | 16 |
| Lija A. | 22 | 1 | 2 | 19 | 19 | 68 | 5 |






Ritratt: Roger Azzopardi

# Qormi b'seba' punti vantaġġ



### Klassifika

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qormi | 21 | 14 | 5 | 2 | 41 | 19 | 47 |
| Pietà H. | 21 | 13 | 1 | 7 | 47 | 26 | 40 |
| Mqabba | 21 | 12 | 4 | 5 | 42 | 23 | 40 |
| Zejtun C. | 21 | 11 | 5 | 5 | 39 | 25 | 38 |
| San Gwann | 21 | 10 | 6 | 5 | 36 | 30 | 36 |
| Zebbug R. | 21 | 9 | 8 | 4 | 31 | 22 | 35 |
| Vittoriosa S. | 21 | 9 | 6 | 6 | 37 | 28 | 33 |
| Qrendi | 21 | 6 | 8 | 7 | 26 | 32 | 26 |
| Sirens | 21 | 7 | 3 | 11 | 32 | 38 | 24 |
| Zabbar SP | 21 | 6 | 4 | 11 | 29 | 44 | 22 |
| Pembroke A. | 21 | 8 | 7 | 6 | 37 | 28 | 21 |
| Marsa | 21 | 3 | 6 | 12 | 25 | 43 | 15 |
| Melita | 21 | 3 | 5 | 13 | 18 | 41 | 14 |
| Rabat A | 21 | 1 | 2 | 18 | 16 | 57 | 5 |

*Pembroke A. tnaqqsulhom 10 punti

Żebbuġ R v Vittoriosa S

**25.02.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Vittoriosa S. v Mqabba ...................1-1**
Paul Chimezie (M); Joseph JoJo Ogunuppe (VSs)

**Marsa v Zejtun C. ............................ 1-2**
Omar El Hussieny, Yessous Camilleri (ZC); Paul Lapira (M)

**26.02.2018**
**Centenary Stadium**
**Qrendi v Zabbar SP ......................... 2-3**
Christian Stewart, Kurt Borg 2 (ZSP); Dassier Sammut, Dhonatan Santos da Hora (Q)

**Victor Tedesco Stadium**
**San Gwann v Sirens ........................1-0**
Sergio Hili (SG)

**Melita v Rabat A. ..............................2-2**
Emilio Comago o.g., Wayne Borg (RA), Toraino Singleton, Luke Micallef (M)

**02.03.2018**
**Centenary Stadium**
**Pietà H. v Vittoriosa S.....................3-0**
Neil Pace Cocks, Lawrence Chiedozie, Jan Busuttil (PH)

**Victor Tedesco Stadium**
**Zejtun C. v Pembroke A..................4-0**
Yessous Camilleri, Adam Smeir, Johan Alberto Castano, Filippo Andrea Scozzese (ZC)

**Mqabba v Qrendi ..............................2-0**
Lyden Micallef, Gianfranco Micallef (M)

**03.03.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Zabbar SP v San Gwann................ 2-4**
Godwin Blessing Henshaw, Sergio Hili 2, Mario Andres Arieta Suarez (SG); Kurt Borg, Christian Stewart (ZSP)

**Sirens v Marsa ................................... 1-3**
Luka Mijic 2, Rafael de Fex Marriaga (M); Ryan Previ (S)

**06.03.2018**
**Centenary Stadium**
**Melita v Pembroke A.......................1-1**
Jean Paul Attard (M); Amarildo Glloga (PA)

**Qormi v Zebbug R. ..........................0-0**

**Victor Tedesco Stadium**
**Qrendi v Pietà H................................0-3**
Lawrence Chiedozie 2, Juan Manuel Artiaga (PH)

**07.03.2018**
**Centenary Stadium**
**Sirens v Zejtun C. .............................0-4**
Yessous Camilleri, Saturday Nanapere, Adrian Carabott, Adam Smeir (ZC)

**San Gwann v Mqabba.................... 2-1**
Godwin Blessing Henshaw, Mario Andres Arieta Suarez (SG); Paul Chimezie (M)

**Victor Tedesco Stadium**
**Marsa v Zabbar SP...........................4-2**
Luka Mijic 2, Mark Gauci (M); Dylan Micallef, Christian Stewart (ZSP)

**Vittoriosa S. v Rabat A. ...................4-0**
Joseph JoJo Ogunuppe, Tukaya Arakawa, Francisco Arriagada Mella 2 (VS)

**10.03.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Zejtun C. v Melita .............................3-0**
Junki Sato, Adam Smeir 2

**Pembroke A. v Qormi ..................... 0-1**
Tensior Gusman (Q)

**11.03.2018**
**Centenary Stadium**
**Mqabba v Marsa.............................. 2-1**
Gaetano Gesualdi, Paul Chimezie (Mqa); Luka Mijic (Mrs)

**Rabat A. v Qrendi ..............................0-2**
Emerson Amaira, Aaron Agius (Q)

**Victor Tedesco Stadium**
**Zebbug R. v Vittoriosa S. ..............0-2**
Gary Camilleri 82 o.g., 94 o.g.

**Pietá H. v San Gwann ..................... 1-3**
Lawrence Chiedozie (PH); Godwin Blessing Henshaw, Mario Andres Arieta Suarez, Kyle Gatt (SG)

**12.03.2018**
**Centenary Stadium**
**Zabbar SP v Sirens ......................... 1-2**
Shalon Diacono (Z); Michael Micallef, Daniel Agius (S)

Ritratt: Walter Sargent

# Kollox għadu miftuħ



Swieqi United v St George's

**24.02.2018**
**Luxol Stadium**
**Kalkara v Mgarr U. ................ 1-3**
Lazar Doric, Daniel Cremona, Jamie Micallef (MU); Timmy Thomas (K)

**Swieqi U. v Attard ................ 2-0**
Nicholas Schembri, Roderick Taliana (SU)

**Sirens Stadium**
**Luqa SA v Marsaxlokk ....... 0-0**

**St George's v Birżebbuġa SP0-0**
Il-partita ġiet abbandunata fis-97 minuta. Birżebbuġa SP ingħataw rebħa ta' **3-0** filwaqt li St George's ġew immultati €200

**25.02.2018**
**Luxol Stadium**
**Għargħur v Gudja U. ............ 0-3**
Adolphus Nagbe Marshall, Anthony Ewurum, Joseph Chetcuti (GU)

**Fgura U. v Siggiewi ............. 2-0**
Abeeb Abiodun Williams, Ryan Sell (FU)

**03.03.2018**
**Centenary Stadium**
**St George's v Kalkara.......... 1-3**
Beppe Antignolo, Timothy Thomas 2 (K); Wisdom Ifeanyi (SG)

**Gudja U. v Santa Lucia ....... 0-1**
Sebastian Perdomo (SL)

**04.03.2018**
**Centenary Stadium**
**Birżebbuġa SP v Swieqi U. 1-4**
Ion Alin Margarit, Sean Gatt Baldacchino, Nicholas Schembri, Kyle Muscat (SU); Jordie Delia (BSP)

**Mgarr U. v Luqa SA.............. 3-0**
Lazar Doric 2, Matthew Muscat (MU)

**Luxol Stadium**
**Attard v Fgura U. ................... 1-0**
Kurt Zahra (A)

**Marsaxlokk v Għargħur...... 3-2**
Eduardo de Lima Nicolau, Bjorn Camilleri (Għ); Trevor Cilia, Antoine Barbara, Cleavon Frendo (M)

**10.03.2018**
**Centenary Stadium**
**Santa Lucia v Marsaxlokk. 1-1**
John Nwoba (SL); Pablo Doffo (M)

**Għargħur v Mgarr U. ............ 0-1**
Leon Zammit (MU)

**Luxol Stadium**
**Siggiewi v Gudja U. .............. 0-1**
Nicholas Zammit (GU)

**Swieqi U. v St George's ...... 0-1**
Wisdom Ifeanyi Wisdom (SG)

**11.03.2018**
**Luxol Stadium**
**Fgura U. v Birżebbuġa SP 2-0**
Ryan Sell 2 (FU)

**Kalkara v Luqa SA................. 2-4**
Greg Marney, Ryan Schembri, Jihad Azzagari, Jason Good (LSA); Dylan Xuereb, Timmy Thomas (K)

## Klassifika

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Swieqi U. | 20 | 11 | 6 | 3 | 30 | 13 | 39 |
| Gudja U. | 19 | 10 | 6 | 3 | 33 | 12 | 36 |
| Fgura U. | 20 | 10 | 6 | 4 | 41 | 22 | 36 |
| Sta Lucia | 19 | 10 | 5 | 4 | 35 | 20 | 35 |
| Marsaxlokk | 19 | 9 | 6 | 4 | 35 | 22 | 33 |
| Kalkara | 20 | 10 | 2 | 8 | 39 | 33 | 32 |
| Siggiewi | 19 | 8 | 7 | 4 | 32 | 21 | 31 |
| B'buga SP | 20 | 8 | 5 | 7 | 35 | 30 | 29 |
| Mgarr U. | 19 | 7 | 7 | 5 | 32 | 38 | 28 |
| Luqa SA | 19 | 5 | 3 | 11 | 23 | 43 | 18 |
| Attard | 19 | 3 | 4 | 12 | 19 | 34 | 13 |
| St George's | 20 | 4 | 2 | 14 | 8 | 40 | 12 |
| Għargħur | 19 | 0 | 3 | 16 | 10 | 44 | 3 |

** Siggiewi ngħataw rebħa ta' 3-0 fuq St George's wara passi dixxiplinari*
** St George's tnaqqsulhom 2 punt*

IT-TIELET DIVIŻJONI

Ritratt: Alan Saliba

# Tibqa' t-taqtiegħa bejn St Venera L. u Mellieħa



**Kif jinsabu**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St Venera L. | 18 | 14 | 2 | 2 | 45 | 10 | 44 |
| Mellieħa | 18 | 13 | 2 | 3 | 40 | 10 | 41 |
| Xgħajra T. | 18 | 10 | 5 | 3 | 36 | 18 | 35 |
| Kirkop U. | 18 | 10 | 5 | 3 | 29 | 15 | 35 |
| Msida SJ | 18 | 9 | 2 | 7 | 26 | 26 | 29 |
| Mdina K. | 18 | 8 | 3 | 7 | 32 | 21 | 27 |
| Għaxaq | 18 | 6 | 4 | 8 | 26 | 29 | 22 |
| Zurrieq | 18 | 6 | 3 | 9 | 19 | 26 | 21 |
| Dingli S. | 18 | 5 | 6 | 7 | 14 | 23 | 21 |
| Mtarfa | 18 | 4 | 2 | 12 | 15 | 39 | 14 |
| Ta' Xbiex | 18 | 2 | 2 | 14 | 14 | 45 | 8 |
| Marsaskala | 18 | 2 | 2 | 14 | 15 | 49 | 8 |

Għaxaq v St Venera Lightnings

**24.02.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Marsaskala v Mtarfa...............2-2**

Matthew Sciortino, Ryan Parry (Msk); Miguel Xerri, Shaun Cutajar (Mta)

**Mellieħa v Msida SJ................1-2**

Cristian Toro Perdomo 2 (MSJ); Ryan Sciberras (M)

**25.02.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Kirkop Utd v St Venera L......1-0**

Michael Theuma (KU)

**Xgħajra T. v Zurrieq.................3-2**

Royter Degiorgio 2, Gabriel Bonavia (XT); Ivan Bojovic, Glenn Saliba (Z)

**Sirens Stadium**

**Mdina K. v Dingli S.................. 0-0**

**Għaxaq v Ta' Xbiex...................1-0**

Dean Agius (Għ)

**03.03.2018**

**Luxol Stadium**

**St Venera L. v Marsaskala.... 2-1**

Chris Vella, William Camilleri (SV); Juan Gatt (M)

**Msida SJ v Kirkop Utd........... 0-0**

**Sirens Stadium**

**Ta' Xbiex v Mdina K. ................ 1-4**

Donovan Micallef (TX); Mark Saliba 2, Sam Bartolo, Yaron Sammut (M)

**Zurrieq v Mellieha ...................0-3**

Jack Vella, Jean Scholey, Jordan Debattista (M)

**04.03.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Dingli S. v Xgħajra T. ...............2-2**

Gabriel Bonavia, Noel Tabone (TX); Mark Vassallo, Matthew Borg (DS)

**Mtarfa v Għaxaq.......................0-2**

Ian Calleja, Dean Agius (Għ)

**10.03.2018**

**Sirens Stadium**

**Mdina K. v Mtarfa.....................0-1**

Chris Farrugia (M)

**Xgħajra T. v Ta' Xbiex..............4-0**

Simone Crisafulli, Glenn Tanti, Redeemer Cutajar, Dylan Busuttil (XT)

**11.03.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Għaxaq v St Venera L............. 1-4**

Eddie Wileman 2, William Camilleri, Matthew Fenech (SV); Dean Agius (Għ)

**Mellieħa v Dingli S...................1-0**

Jean Scholey (M)

**Sirens Stadium**

**Zurrieq v Msida SJ...................2-0**

Ibrahim Tarek, Josef Felice (Z)

**Marsaskala v Kirkop Utd ...... 0-1**

Karl Caruana (KU)

# Help hearts run smoothly

THIAMIN CONTRIBUTES TO NORMAL HEART




ATERONON®

FROM **THE TOMATO PILL** COMPANY

Uniquely absorbable, highly effective LactoLycopene

**ONE-A-DAY food supplement**

Available from all leading pharmacies

atg medical innovations



adidas · asics · Babolat · diadora · HIGH POWER · LEONE · macron

# TEAMSPORT

Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara

Reebok · speedo · molten · Sixtus · McDAVID · UNDER ARMOUR · TYR

Jilħaq tragward importanti ....

ritratti: Christine Borg

# Ir-referee Trustin Farrugia Cann jikkontrolla l-100 partita fil-Premier

Il-partita bejn Gzira United u Floriana, li ntlagħbet fl-24 ta' Frar li għadda, kienet waħda speċjali għar-referee, Trustin Farrugia Cann, hekk kif laħaq il-100 waħda personali fil-Kampjonat Premier.

Fl-età ta' 24 sena, 10 xhur u jumejn, Trustin għamel id-debutt tiegħu nhar il-31 ta' Ottubru, 2010, fir-rebħa ta' Vittoriosa Stars fuq Hibernians bl-iskor ta' 2-0, fil-Hibernians Stadium, bil-goals jaslu minn Anthony Ewurum u auto-goal ta' Matthew Gauci.

Huwa qatt ma ħares lura biex sar wieħed mill-aqwa referees li qatt ikkontrollaw fil-Premier, tant, li anke ngħata r-responsabbiltà ta' FIFA Referee. Dan it-tragward laħqu f'seba' snin, 3 xhur u 24 ġurnata.

Kif juru t-tabelli, l-aktar team li rreffja huwa dak ta' Floriana (19), segwit minn Hibernians u Tarxien R. (18) u Valletta (17).

B'kollox, f'dawn il-100 partita, Farrugia Cann kien assistit minn 25 assistenti referees u 31 raba' uffiċjali.

Barra minn hekk, huwa keċċa 31 player ... bl-ewwel wieħed ikun Clyde Borg ta' Floriana, fil-15 ta' April, 2012, fir-rebħa ta' 2-1 fuq Birkirkara. F'kumment lil **Sportiv**, Farrugia Cann qal li jħossu sodisfatt ħafna li laħaq dan it-tragward.

"Li lħaqt il-100 personali fl-ogħla diviżjoni huwa unur għalija għax dan ifisser li qed nagħti kontribut importanti lil-logħba domestika.

"Din hija triq twila li tinvolvi ħafna dedikazzjoni u sagrifiċċji. Però meta nħares lura nimtela b'sodisfazzjon kbir hekk kif minn meta bdejt il-karriera tiegħu, fl-età ta' 14-il sena, bqajt tiela' l-livelli kollha.

"Barra minn hekk, sakemm ilħaqt il-100 logħba, ġejt ukoll maħtur fuq il-panel tal-FIFA fejn ikkontrollajt ukoll logħbiet internazzjonali. "Dan il-fatt jagħtini aktar kuraġġ biex nibqa' nikkonċentra fuq il-karriera tiegħi għax dejjem hemm lok li nibqa' nitgħallem u nimmatura f'dan il-qasam.

"Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lil kull min għeni biex nasal s'hawn b'mod speċjali lill-familjari tiegħu li jifhmu li din il-karriera tirrikjedi sagrifiċċji enormi."

## Min huwa Trustin Farrugia Cann

- Imwieled nhar id-29 ta' Diċembru, 1985
- Gradwat bħala inġinier u sussegwentement iggradwa f'Master fi Xjenza fil-qasam tal-Enerġija.
- Beda l-karriera ta' referee f'età ta' 14-il sena, f'Diċembru, 2001.
- Inħatar referee fil-Kampjonat Premier fl-istaġun 2010/11 u referee internazzjonali tal-FIFA f' Jannar 2016.
- Matul dan il-perjodu irreffja lil Spanja U/21 v San Marino, f'Valencia fost l-oħrajn.
- Kellu l-opportunità li jikkontrolla diversi logħbiet mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja (Iżrael v Lussemburgu) u anke mill-Fażi tal-Gruppi tal-UEFA Europa League (AZ Alkmaar v Young Boys) flimkien ma' Clayton Pisani. Ikkontrolla wkoll lil Faroe Islands v Andorra, flimkien ma' Alan Mario Sant.
- Fiż-żmien li ilu referee internazzjonali, huwa kellu l-opportunità li jikkontrolla logħbiet fil-Greċja, Franza, Wales, Rumanija u Georgia.
- Kien l-ex referee, Chris Lautier, li ħajjar lil Trustin biex isegwi din il-karriera.






Dawn iż-żewġ kolonni juru l-25 assistenti referees u l-31 raba' uffiċjali li għenu lil Trustin Farrugia Cann fil-100 partiti

| ASS. REFEREES | Pti |
|---|---|
| Jurgen Spiteri | 30 |
| Roberto Vella | 21 |
| Thomas Debono | 19 |
| David Castillo | 15 |
| Sammy Attard | 12 |
| Duncan Sultana | 12 |
| William Debattista | 11 |
| Luke Portelli | 10 |
| Alan Camilleri | 9 |
| Edward Spiteri | 8 |
| Ingmar Spiteri | 7 |
| Mitchell Scerri | 6 |
| Paul Apap | 5 |
| Peter Abela | 5 |
| Martin Borg | 5 |
| Dusan Petrovic | 5 |
| Al. Borg Cardona | 4 |
| Chris Francalanza | 4 |
| Ryan Aquilina | 3 |
| Mariano Debono | 3 |
| Joe Camilleri | 2 |
| Philip Agius | 1 |
| Chris Azzopardi | 1 |
| Konrad Borg | 1 |
| Alex Grech | 1 |

| RABA' UFFIĊJALI | Pti |
|---|---|
| Chris Lautier | 16 |
| Adrian Azzopardi | 7 |
| Mario Apap | 6 |
| Esther Azzopardi | 6 |
| Sandro Spiteri | 6 |
| Emanuel Grech | 5 |
| Kevin Azzopardi | 4 |
| Marco Borg | 4 |
| Thomas Debono | 4 |
| Eman Grech | 4 |
| Clayton Pisani | 4 |
| Fyodor Zammit | 4 |
| Philip Farrugia | 3 |
| Chris Francalanza | 3 |
| Malcolm Spiteri | 3 |
| Glenn Tonna | 3 |
| Peter Abela | 2 |
| Andre Arciola | 2 |
| Alan Camilleri | 2 |
| Paul Caruana | 2 |
| Darryl Agius | 1 |
| Paul Apap | 1 |
| Ishmael Barbara | 1 |
| David Castillo | 1 |
| William Debattista | 1 |
| Alex Grech | 1 |
| Etienne Mangion | 1 |
| Dusan Petrovic | 1 |
| Alan Mario Sant | 1 |
| Duncan Sultana | 1 |
| Roberto Vella | 1 |



Ir-referee Trustin Farrugia Cann ... ikkontrolla l-100 partita fil-Premier



## Il-100 partiti fi tmien staġuni ... fir-rounds u fl-istadia

| STAĠUNI | I | II | III | CP | RP | Pti | | NS | HS | VT | CS | Ttl |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2010/11 | 2 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | | 1 | 2 | 0 | 0 | 3 |
| 2011/12 | 5 | 5 | 0 | 1 | 2 | 13 | | 5 | 2 | 6 | 0 | 13 |
| 2012/13 | 5 | 3 | 0 | 2 | 3 | 13 | | 5 | 5 | 3 | 0 | 13 |
| 2013/14 | 5 | 5 | 0 | 2 | 2 | 14 | | 4 | 3 | 4 | 3 | 14 |
| 2014/15 | 6 | 4 | 5 | 0 | 0 | 15 | | 7 | 3 | 5 | 0 | 15 |
| 2015/16 | 6 | 6 | 4 | 0 | 0 | 16 | | 5 | 5 | 6 | 0 | 16 |
| 2016/17 | 6 | 5 | 4 | 0 | 0 | 15 | | 9 | 4 | 2 | 0 | 15 |
| 2017/18 (s'issa) | 7 | 4 | 0 | 0 | 0 | 11 | | 3 | 3 | 2 | 3 | 11 |
| Total | 42 | 32 | 13 | 6 | 7 | 100 | | 39 | 27 | 28 | 6 | 100 |

I, II, III: Rounds; CP: C'ship Pool; RP: Rel. Pool; Pti: Partiti; NS: National Stadium; HS: Hibernians Stadium; VT: Victor Tedesco; CS: Centenary

## It-23 team li rreffja Trustin Farrugia Cann

| TIMIJIET | Pti | R | D | T | | NS | HS | VT | CS | Ttl |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan | 14 | 9 | 2 | 3 | | 4 | 3 | 6 | 1 | 14 |
| Birkirkara | 15 | 8 | 3 | 4 | | 11 | 1 | 2 | 1 | 15 |
| Floriana | 19 | 13 | 3 | 3 | | 8 | 7 | 3 | 1 | 19 |
| Gzira U | 8 | 2 | 4 | 2 | | 1 | 4 | 1 | 2 | 8 |
| Hamrun S | 7 | 2 | 2 | 3 | | 3 | 2 | 2 | 0 | 7 |
| Hibernians | 18 | 10 | 2 | 6 | | 7 | 8 | 3 | 0 | 18 |
| Lija A | 1 | 0 | 1 | 0 | | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Marsaxlokk | 2 | 0 | 1 | 1 | | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 |
| Melita | 2 | 0 | 1 | 1 | | 1 | 0 | 1 | 0 | 2 |
| Mosta | 16 | 5 | 2 | 9 | | 4 | 4 | 6 | 2 | 16 |
| Mqabba | 3 | 0 | 0 | 3 | | 0 | 1 | 2 | 0 | 3 |
| Naxxar L | 10 | 3 | 2 | 5 | | 4 | 2 | 4 | 0 | 10 |
| Pembroke A | 4 | 0 | 0 | 4 | | 1 | 2 | 1 | 0 | 4 |
| Pietá H | 2 | 0 | 0 | 2 | | 1 | 0 | 1 | 0 | 2 |
| Qormi | 12 | 6 | 1 | 5 | | 4 | 4 | 3 | 1 | 12 |
| Rabat A | 5 | 0 | 1 | 4 | | 1 | 1 | 3 | 0 | 5 |
| Senglea A | 3 | 1 | 2 | 0 | | 0 | 1 | 1 | 1 | 3 |
| Sliema W | 15 | 5 | 4 | 6 | | 7 | 3 | 3 | 2 | 15 |
| St Andrews | 4 | 1 | 0 | 3 | | 2 | 0 | 1 | 1 | 4 |
| Tarxien R | 18 | 5 | 6 | 7 | | 7 | 3 | 8 | 0 | 18 |
| Valletta | 17 | 5 | 6 | 6 | | 9 | 3 | 5 | 0 | 17 |
| Vittoriosa S | 3 | 2 | 1 | 0 | | 0 | 3 | 0 | 0 | 3 |
| Zebbug R | 2 | 1 | 0 | 1 | | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 |

Pti: Partiti; R: Rebħiet; D: Draws; T: Telfiet; NS: National Stadium; HS: Hibernians Stadium; VT: Victor Tedesco; CS: Centenary

Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea

# Manuel Cini jipparteċipa fi proġett għall-ġurnalisti sportivi fl-Italja



Puglia 365

PO PUGLIA FESR•FSE 2014/2020 *Il* **futuro** *alla portata di tutti*

It-Torneo Carnevale di Gallipoi - Coppa Santa Maria de Leuca, jew kif inhu magħruf it-Trofeo Caroli Hotels, huwa tournament tal-football għat-tfal li jsir kull sena bl-appoġġ tas-Settore Giovanile e Scolastico tal-Federazzjoni tal-Football Taljana, l-FIGC.

Dan it-tournament isir fir-reġjun ta' Salento fil-Puglia, u jservi ta' vetrina għal ħafna players kemm Taljani, u kif ukoll barranin. Barra minn hekk, dan il-festival sportiv huwa wkoll għodda ta' promozzjoni turistika għar-reġjun ta' Salento.

Bħala parti mill-proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) Salento tra Sport, Devozione Mariana ed Enogastronomia, grupp ta' ġurnalisti sportivi minn madwar id-dinja ġew mistiedna biex isegwu dan it-tournament u jesperjenzaw il-kultura tar-reġjun. Minn Malta ipparteċipa il-ġurnalist sportiv Manuel Cini, li tkellem ma' **Sportiv** dwar din l-esperjenza.

It-tournament kien miftuħ għal tfal ta' Taħt l-14-il sena, u fih ipparteċipaw timijiet bħal Inter, Milan, Juventus, Arsenal, Southampton, selezzjoni Ġappuniża u oħrajn.

Cini segwa dawn il-logħbiet f'numru ta' grounds differenti u qal li:

"Dan kien tournament organizzat b'mod professjonali ħafna. Għalkemm dawn huma timijiet ta' tfal ta' età żgħira, diġà tidher fihom l-attitudni professjonali u l-passjoni għal-logħba tal-football. Il-finali intrebħet minn Milan kontra Inter, u hemm aktar ħarġet il-passjoni tat-tfal f'dan id-derby jaħraq".

Cini qal ukoll li minkejja din il-passjoni u l-element kompetittiv ....

"Id-diriġenti u l-coaches ma jitfgħux pressjoni żejda fuq it-tfal, u dawn jitħallew jilagħbu l-football għall-gost biex hekk ikunu liberi li jippruvaw affarijiet ġodda, ma jibżgħux jissugraw xi ftit, u jippruvaw dik il-mossa speċjali, u hekk jiżviluppaw iżjed. Naħseb Malta għandna ħafna x'nitgħallmu minn dan għax inħoss li kultant nagħtu wisq importanza lir-riżultat".

Mistoqsi dwar l-atmosfera fl-istands u l-imġieba jew atitudni tal-ġenituri li jkunu qed isegwu lil uliedhom, Cini qal li:

"L-atmosfera kienet waħda sabiħa b'sapport qawwi ħafna għal tournament ta' dan il-livell. Iżda s-sapport huwa veru sapport – li jikkonsisti f'inkoraġġiment lit-tfal. F'ebda ħin ma kien hemm kummenti aggressivi jew struzzjonijiet lit-tfal kif naraw f'Malta, u li ħafna drabi jkunu kontra l-istruzzjonijiet tal-coach.

"Jekk hemm xi ħaġa li laqtitini hija li dawn in-nies, anki jekk f'derby jaħraq bħalma huwa Milan kontra Inter, jifhmu li s-sapport ifisser inkoraġġiment u xejn iżjed. It-tfal jitħallew jieħdu gost jilgħabu l-football".

Cini tkellem ukoll dwar il-livell tal-football ta' dawn it-timijiet u qal:

"Il-livell huwa wieħed għoli. Imma l-aktar li jolqtok huwa li dawn it-tfal diġà qed jitteħgħu f'ambjent professjonali, u li diġà jafu ċerti ħiliet bażiċi li ħafna drabi, jekk ma jitgħallmuhomx f'dik l-età, ma





jitgħallmuhom qatt. Mhux ta' b'xejn li matul is-snin dan it-tournamnet ġibed lejh osservaturi u scouts ta' clubs importanti biex jevalwaw it-talent li jkun tiela'".

Mal-kumplament tal-grupp Cini seta' jaqsam esperjenzi dwar ġurnaliżmu sportiv f'pajjiżi differenti. Huwa qal li għalkemm teżisti ċerta diversità, numru ta' sfidi huma komuni.

"Tgħallimt ħafna mingħand sħabi fil-proġett, u naħseb li huma tgħallmu minni wkoll. Minbarra li ġejjin minn pajjiżi differenti u naħdmu f'aspetti differenti tal-media sportiva stajna naqsmu ideat minn perspettivi differenti. Imma għalkemm hemm dawn id-differenzi kollha, tiskanta kif ħafna sfidi jibqgħu l-istess irrispettivament mill-pajjiż.

"Kultant meta jkollna problema Malta naħsbu li din hija l-akbar problema tad-dinja. Meta titkellem ma' dawn in-nies tinduna li mhux hekk, u ċerti sfidi qegħdin hemm għal kulħadd. Proġetti bħal dawn jgħinu biex bl-esperjenzi li taqsam u l-kuntatti li tagħmel, sfidi komuni tkun tista' tiffaċċjahom u ssib is-soluzzjonijiet flimkien ma' oħrajn."

Manuel Cini qal minkejja li l-football kien iċ-ċentru tal-attenzjoni tal-proġett, l-organizzaturi ħadu ħsieb ukoll li jesponu l-kultura u l-ġmiel tar-reġjun.

Il-grupp żar diversi postijiet ta' nteress fi bliet u lokalitajiet bħal Lecce, Santa Maria di Leuca, Casaletto, Nardo, Gallipoli u Taurisano.

"Tiskanta kif anki hawn sibt rabtiet ma' Malta", ikkummenta bid-daħka Cini. "Fil-knisja medjevali ta' Santa Maria Della Croce, f'Casarano, sirt naf li hemm ċertu devozzjoni lejn San Pawl. Qalulna li fil-medju evu, peress li ħafna nies kienu jaħdmu fl-għelieqi, kien hemm ħafna mard ġej minn gdim ta' insetti, u kienu jitolbu lil San Pawl ifejjaqhom peress li dan kien salva mill-gidma tal-lifgħa"

Manuel Cini għalaq billi qal li minn din l-esperjenza tgħallem ħafna, iżda jemmen li hu għallem ukoll.

"Tgħallimt u għallimt. Bħalma se nagħmel użu mill-ideat li ħadt mingħand sħabi, ċert li huma se jagħmlu l-istess. Il-ġurnaliżmu sportiv huwa pont u jkun tajjeb li nużawh biex nersqu lejn xulxin u fl-aħħar mill-aħħar ikollna prodott aħjar. Tgħallimt ukoll li barra pont, il-ġurnaliżmu sportiv huwa tieqa fuq kulturi oħra għax dan il-proġett laqqgħani ma' kulturi ġodda u tani esperjenzi li se jibqgħu għodda fix-xogħol tiegħi".

Manuel Cini ipparteċpa f'dan il-proġett fuq l-istedina ta' Quaros Consulting li kienu sħab mal-lead partners tal-proġett, il-Comune di Taurisano

## Wara li kkwalifikaw għall-Kampjonat Ewropew

# Kburi bil-players tiegħi wara li għamilna unur kbir lil Malta

## - Karl Izzo (coach nazzjonali)



Karl Izzo ... il-coach nazzjonali



Fit-3 ta' Marzu, it-team nazzjonali Malti tal-waterpolo kiteb paġna oħra b'ittri tad-deheb meta kkwalifika għall-Kampjonat Ewropew tal-LEN li se jsir f'Barcelona, bejn l-14 u t-28 ta' Lulju li ġej, meta fit-tieni leg ta' kwalifikazzjoni, għeleb lil dak tal-Belarus bl-iskor ta' 16-9 biex għadda b'aggregate ta' 23-17.

Il-moħħ ta' dan is-suċċess kien il-coach Karl Izzo, biex din kienet it-tieni darba li l-Maltin se jieħdu sehem fil-fażi finali tal-Kampjonat Eworpew wara li sentejn ilu għamlu dan f'Belgrade, fis-Serbja.

Sadanittant, fis-7 ta' Marzu, it-tellgħu wkoll il-poloz fejn l-avversarji tal-Maltin se jkunu Spanja, Franza u l-Montenegro.

**Il-gruppi kollha ttellgħu hekk:**

**Grupp A:** Ġermanja, Georgia, Italja, Ungerija.

**Grupp B:** Montenegro, Malta, Franza, Spanja.

**Grupp C:** Kroazja, Turkija, Olanda, Greċja.

**Grupp D:** Russja, Serbja, Slovakkja, Rumanija.

**Sportiv** għamel kuntatt mal-coach nazzjonali fejn ammetta li kull polza hija diffiċli minħabba li l-parteċipanti huma l-krema tal-waterpolo Ewopej.

***Bla dubju, il-poloz huma diffiċli hekk kif se nilagħbu kontra l-krema tat-timijiet Ewropej. X'inhuma l-ħsibijiet tiegħek?***

Il-fatt li se nikkompetu kontra l-aqwa timijiet tal-Ewropa bilfors se tkun diffiċli.

Għat-tieni darba se nilagħbu kontra t-team ospitu. Din id-darba se nilagħbu kontra Spanja wara li sentejn ilu lgħabna kontra s-Serbja meta l-kampjonat sar f'Belgrade.

Iżda mil-lat pożittiv dan huwa inċentiv għalina għax personalment inħossuna ferm kburin li se nilagħbu f'din il-kompetizzjoni tant prestiġjuża.

Minbarra Spanja, l-avversarji fil-grupp tagħna huma wkoll il-Montenegro li huma ferm b'saħħithom.

Peró ma rridux ninsew lil Franza hekk kif dawn jinsabu rrankjati fl-aqwa tmien postijiet wara li ħadu sehem fl-aħħar Olimpjadi li saru.

Min-naħa tagħna se nippruvaw niksbu riżultati tajbin biex inġibu l-pożizzjonijiet tal-portata tagħna.

***Il-fatt li se tilagħbu kontra dawn it-timijiet qawwija, kif se tagħrfu biex ma tkunux inferjuri?***

Li kkwalifikajna għall-fażi finali ta' dan il-Kampjonat Ewropew diġá lħaqna l-obbjettiv tagħna.

Ma naħsibx li hija sitwazzjoni ta' inferjoritá. Mingħajr tlaqliq irrid ngħid ukoll li aħna l-uniku team fost is-16-il parteċipant li m'aħniex professjonali u għaldaqstant irridu nagħmlu l-almu tagħna biex inġibu riżultati pożittivi jew aħjar rispettabbli.

***X'inhuwa l-obbjettiv għal dan il-Kampjonat?***

L-għan tagħna huwa li nżommu l-15-il post jew inkella nimmiraw għal post aħjar. Fil-veritá se tkun diffiċli u għaldaqstant irridu ngħollu l-logħba tagħna. Irrid ngħid ukoll li jien diġá kburi bil-players tiegħi għal dak kollu li għamlu fiż-żewġ legs tar-round ta' kwalifikazzjoni kontra l-Belarus.

***Qed issemmi lil Belarus. Kemm kont ottimist li stajtu tikkwalifikaw għall-Fażi Finali wara li inti lmentajt minħabba l-kontroll tar-referee tal-ewwel leg?***

Minkejja li l-kwalifikazzjoni setgħet marret kull naħa, minn dejjem kont ottimist.

Realistikament, ir-referee li kkontrolla l-ewwel leg kellu l-pressjoni tal-partitarji tal-Belarus minħabba li kienu qed jilagħbu f'darhom. Konsegwenza ta' hekk kull deċiżjoni


Il-players Maltin qabel il-logħba



Il-partitarji Maltin jagħtu l-appoġġ lill-players tagħna

dubjuża bdiet tmur favur tagħhom.

Barra minn hekk, ikkommettejna bosta żbalji li ħallejna lill-avversarji jidħlu fil-logħba meta konna qed ingawdu vantaġġ tajjeb biex saħansitra tlifna l-logħba bi żvantaġġ ta' goal wieħed biss.

***X'wassal biex fit-tieni leg għamiltu reazzjoni tant tajba li spiċċajtu biex irbaħtu l-konfront b'vantaġġ tajjeb?***

Wara l-logħba fil-Belarus, li tlifna bl-iskor ta' 8-7, mill-ewwel bdejna bil-preparazzjoni tagħna. Kienet ġimgħa karatterizzata minn tensjoni kbira.

Iżda t-taħriġ kien kuljum u kien wieħed intensiv ukoll biex tana wkoll qawwa psikoloġika. Barra minn hekk analizzajna l-filmat tal-ewwel logħba biex indirizzajna l-iżbalji li kkommettejna fl-ewwel leg speċjalment fl-attakk.

Kull element fl-iskwadra, emmen fl-abbiltajiet u fil-potenzjal tiegħu li jippossjiedi ... biex stajna nħarsu b'ottimiżmu kbir u nżilna għat-tieni logħba, li ntlagħbet fil-Pixxina Nazzjonali, b'moral għoli.

Kif kulħadd jaf, il-prestazzjoni f'Tal-Qroqq kienet waħda eċċellenti fejn kellna l-appoġġ ta' 'l fuq minn 3,000 partitajru li ħonqu l-Pixxina Nazzjonali biex finalment erġajna ktibna l-istorja.

***Iżda kien hemm mumenti fejn stajtu tliftu l-kompożizzjoni tagħkom. X'ġara eżattament?***

L-avversarji tagħna kienu ferm aggressivi minħabba li għandhom statura fiżika kbira. Meta bdew jindunaw li konna resqin lejn ir-rebħa, bdew jintimidaw lill-players tagħna.

Iżda aħna rnexxielna nibqgħu kalmi fejn il-players urew maturitá kbira. Wieħed irid iqis ukoll li l-etá medja tat-team hija dik ta' 23 sena.

***Kien hemm xi players li spikkaw aktar mill-oħrajn?***

Kull membru tal-iskwadra ta l-massimu tiegħu u għaldaqstant irrid nirringrazzjahom mill-qalb.

Il-goalkeeper Nicky Grixti kellu prestazzjoni fantastika fejn kien determinati wkoll b'saves importanti. Steve Camilleri kif ukoll Matthew Zammit kienu brillanti bil-goals tagħhom filwaqt li Jordan Camilleri u Aurelien Cousin kienu strumentali u mpekkabbli fiż-żewġ legs. Player ieħor li kien utli kien iż-żagħżugħ, Jeremy Abela, li fl-assenza ta' Matthew Zammit għamel xogħol siewi mmens.

***X'se tkun il-perparazzjoni għall-Fażi Finali ta' Lulju?***

Issa rridu nagħmlu bosta laqgħat mal-clubs u mal-coaches biex ikolli aċċess għall-players u ngħaqqadhom flimkien .... konxju mill-fatt li fil-futur qrib se jingħata bidu għall-kampjonat tax-xitwa ... li jkun il-preludju ta' dak tas-sajf li mbagħad irid jieqaf tliet ġimgħat min-nofs Lulju minħabba dan il-Kampjonat Ewropew.

Bħalissa ninsabu wkoll f'kuntatti biex nipprovaw inġibu żewġ timijiet minn barra biex nilagħbu partiti ta' ħbiberija.


Il-players Maltin jiċċelebraw is-suċċess tagħhom

LOKALI

# "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja"
# Fi Scunthorpe l-Ingilterra

minn Maria Cremona








Lejn l-aħħar ta' Jannar, membri tat-team "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" attendew seminar u workshops fil-faċilitajiet ta' Scunthorpe United FC, fl-Ingilterra. Dan is-seminar sar bħala parti mill-programm "Scunthorpe United Reading Stars", li huwa mmexxi mill-Kunsill ta' North Lincolnshire. Din il-komunità hija fost l-aktar intiżi fil-qasam tal-litteriżmu fir-Renju Unit.

It-tliet delegati tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Saviour Darmanin, Sarah Busuttil u Maria Cremona kellhom l-opportunità josservaw u jipparteċipaw f'sessjoni ta' litteriżmu mmexxija mill-awtur tal-kotba tat-tfal ta' fama internazzjonali, Tom Palmer. Din is-sessjoni kienet dwar ktieb li ġie ppubblikat riċentament, 'Ghost Stadium'. Matul din l-attività l-istudenti qraw u semgħu moqrija siltiet mill-ktieb waqt li daru postijiet differenti fil-ground ta' Scunthorpe United F.C. Kien hemm ukoll ħin għal quiz fejn l-istudenti ġew mistoqsija xi domandi dwar l-istorja li kienu għadhom kif semgħu u informazzjoni relatata ma' gazzetti u rivisti

Ingliżi. Dawk li rrispondew tajjeb kellhom iċ-ċans jippruvaw jiskorjaw penalty kontra l-goalkeeper, Saviour Darmanin.

Fl-aħħar, it-team Malti ġie pprezentat b'tifkira tal-okkażjoni mirrappreżentanti tal-komunità tal-litteriżmu ta' Scunthorpe. Il-membri Maltin ġew mistiedna wkoll jagħtu l-kummenti dwar ix-xogħol u l-esperjenza tagħhom fuq programm ta' BBC Radio Humberside.

L-għan ta' 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja' huwa simili ta' dak ta' Scunthorpe United Reading Stars. Dawn iż-żewġ programmi jżewqu l-imħabba lejn il-football mannamra għall-qari u l-kotba. Iż-żjara kienet ta' ispirazzjoni għat-team għax osservaw kif l-ambjent filkumpless jiffaċilità li nies minn oqsma differenti tal-komunità jaħdmu f'sintonija għal għan wieħed, jiġifieri dak li jrawmu l-imħabba lejn il-qari bl-għajnuna tal-football. It-tliet edukattivi Maltin qasmu l-esperjenzi tagħhom permezz ta' preżentazzjoni li fiha tkellmu fuq dak li jsir fil-programm. Din il-preżentazzjoni qajmet interess minn dawk preżenti li saħansitra urew ix-xewqa li jżuru Malta biex josservaw kif jinħadem il-programm fl-iskejjel lokali.

Wara din l-esperjenza, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ħadet l-opportunità u stiednet lil Tom Palmer iżur Malta biex josserva, jipparteċipa u jagħti sehmu f'xi programmi tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u jħarreġ lill-animaturi tal-qari tal-istess Aġenzija. ▮












minn Kenneth Vella

# Malta titlef lil In Vitro Du Bourg fost l-aqwa ta' kull żmien



Is-Sur Anthony De Bono (xellug), ex-segretarju ġenerali tal-Malta Racing Club, jippremja lil Kalċidon Bilocca, Ċensu Debono, Ġorġ Brincat u James Carabott wara waħda mir-rebħiet taż-żiemel

Aktar kmieni dan ix-xahar tħabbret il-mewt għall-għarrieda taż-żiemel popolari Franċiż, IN VITRO DU BOURG. Dan kellu 22 sena u jibqa' mfakkar li fl-aħjar tal-karriera tiegħu, fil-bidu u nofs is-snin 2000, irnexxielu jirbaħ il-finali ewlenin ta' pajjiżna.

In Vitro Du Bourg huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-aqwa żwiemel qatt importati f'Malta. Hu kien jiġi iben l-istaljun Franċiż, Bolero Du Coque u d-debba Costantinople, u kien ġie rtirat f'Novembru 2011 wara li kien ħa sehem f'tiġrija Premier, fil-korsa tal-Marsa. In Vitro Du Bourg kien twieled fil-15 ta' Mejju, 1996, u f'Malta kien ġera fi 58 tiġrija fejn rebaħ 32 minnhom u kellu wkoll 18-il pjazzament. Dan iż-żiemel kien iddebutta f'Malta, fis-26 ta' Novembru, 2006, u mill-ewwel kien ħalla impressjoni tajba. Jibqa' mfakkar ukoll għas-sensiela ta' 13-il rebħa nfila li kellu fil-korsa tal-Marsa, rebħiet li kollha waslu fl-ogħla Klassi Premier. Fost is-suċċessi kbar li kellu In Vitro Du Bourg f'pajjiżna, wieħed jista' jsemmi r-rebħ tal-Emirates Tazza l-Kbira fl-2010 u s-suċċessi f'ħames finali ta' kampjonati għal żwiemel Franċiżi tal-Klassi Premier organizzati mill-Malta Racing Club bl-għajnuna tal-assoċjazzjoni Franċiża Le Trot.

Barra dan, In Vitro Du Bourg kien anki rebaħ it-titlu tal-aktar żiemel konsistenti ta' pajjiżna fl-istaġuni 2007 u 2009 u spiċċa wkoll l-aktar żiemel konsistenti Franċiż fl-istess żewġ staġuni. Dawn l-unuri kienu wasslu biex anki jiġi onorat minn Le Trot. F'pajjiżna, In Vitro Du Bourg rebaħ €39,091 fi premjijiet u qabel ma wasal Malta, fi Franza kien rebaħ tiġrijiet ewlenin f'diversi koros, fosthom dawk ta' Vincennes, Cagnes Sur Mer, Marseille u Enghien. Dan meta kien misjuq minn diversi sewwieqa stabbiliti fosthom Olivier Bizoux, Stephane Cingland, Philippe Masschaele u Michel Lenoir.

F'pajjiżna, In Vitro Du Bourg kien misjuq minn James Carabott, Ivan Bilocca u missieru Kalċidon Bilocca u fl-aħħar snin kien proprjetá ta' Kalċidon Bilocca u Censu Debono. Aktar qabel kien hemm sħab magħhom fiż-żiemel anki George Brincat. Minn żmien għal żmien fl-aħħar snin In Vitro Du Bourg kien anki jitniżżel fil-korsa jmexxi xi parata qabel xi finali ewlenija.




In Vitro Du Bourg misjuq minn Ivan Bilocca

Minn Joe Micallef (Segretarju Ġenerali Youth FA) Ritrattl: Stephen Gatt

# Imqassma s-Solidarity Funds

## - 98.7% iwieġbu għall-istħarriġ "Lejn Orizzonti Ġodda"




Għal sena oħra n-nurseries affiljati mal-Youth FA, ingħataw għajnuna finanzjarja magħrufa aħjar bħala Solidarity Funds li hija għajnuna bżonnjuża sabiex in-nurseries ikunu jistgħu jkomplu l-missjoni tagħhom fost il-players żgħażagħ.

Dan l-event, bħal kull sena, jinżamm lejn l-aħħar ta' Jannar fejn ikunu mistiedna mhux biss in-nurseries iżda wkoll l-isponsors ewlenin li jagħtu l-għajnuna tagħhom, lill-Youth FA biex tkompli bil-Ħidma tagħha. U kien proprju dan il-messaġġ li fetaħ bih Fr Hilary Tagliaferro, President tal-Youth FA.

Ħilwaqt li għabar lir-rappreżentanti tan-nurseries flimkien, beda b'minuta ta' riflessjoni sabiex wieħed jaħseb dwar x'inhuma l-valuri veri tal-football. "Aħna lkoll għandna nkunu ta'eżempju għat-tfal li qed jattendu n-nurseries tagħna," stqarr Fr Hilary dwar l-irwol li għandhom l-amministraturi u l-coaches fost iż-żgħażagħ li wħud minnhom diġà bdew jilbsu l-flokk tat-team nazzjonali u oħrajn li huma promettenti.

Huwa saħaq ukoll li n-nurseries għandhom ikomplu jisfurzaw sabiex inisslu fiż-żgħażagħ tagħna, li huma l-ġenerazzjoni futura, valuri sodi: "Hu importanti li fuq kollox niżviluppaw ċittadini tajbin u mhux biss footballers."

Fr Hilary fakkar li l-isports għandu jkun mezz ta' għaqda u li jkattar responsabbiltá soċjali, f'kull min jipprattikah jew huwa involut fih. Huwa fakkar ukoll li kull meta jkun hemm tebgħat fil-football, l-amministraturi għandhom iħarsu jekk verament humiex qed jagħmlu ħilithom biex dejjem joħorgu l-aħjar.

Huwa fakkar li għalkemm in-nurseries għandhom irwol li jħarrġu lit-tfal fil-logħob tal-football għandhom responsabbiltá akbar li juruhom il-ħazen li jistgħu jsibu ruħhom fih permezz tal-logħba li tant iħobbu, imma li sfortunatament hemm nies li huma aktar moħħhom kif mil-logħba tal-football jagħmlu l-flus akkost ta' kollox.

Huwa kkundanna lil dawn in-nies, filwaqt li ħeġġeġ lill-amministraturi fin-nurseries biex dejjem jinfurmaw lill-players biex iżommu bogħod minn dawn in-nies li mhux verament għandhom għal qalbhom il-ġid tal-football iżda biss l-interess tagħhom kif jistgħu jagħmlu aktar flus u jisfruttaw lil dawn iż-żgħażagħ.

Il-president qal li l-logħba tal-football tant hija sabiħa u ħeġġeġ biex din tkun biss mezz ta' pjaċir u mhux ta' affarijiet leċiti oħra li jiskuraw il-veru valur tal-isport. Preżenti għal dan l-event kien hemm ukoll rappreżentanti minn assoċjazzjonijiet membri tal-MFA, u l-Women League Standing Committee.

Dan kien l-ewwel staġun fejn wara x-xewqa tal-MFA għandhom jiġu mistiedna dawk l-Assoċjazzjonijiet membri fi ħdan l-MFA li jiffurmaw parti mill-Grassroots tal-football li lkoll flimkien jagħtu kontribut lejn it-tkabbir tal-logħba fid-divesi etajiet.

Sadanittant tħabbar minn Fr Hilary li l-Assoċjazzjoni ser tagħmel stħarriġ fost in-nurseries, sabiex wieħed jistudja s-sitwazzjoni preżenti tal-Youth Football u kif wieħed jista' jtejjeb dak li diġá hemm partikolarment bis-saħħa tal-kommunikazzjoni tal-istakeholders kollha involuti.

Huwa appella li dan l-istħarriġ jimtela flimkien mal-parent club u li kulħadd għandu jkun onest fit-tweġibiet tiegħu. Fuq kollox Fr Hilary irringrazzja lill-amministraturi u ħeġġiġhom sabiex ikomplu jaħdmu minkejja l-isfidi li jiltaqgħu magħhom ta' kuljum. Huwa rringrazzja wkoll lill-MFA, Global Security għas-sett ta' tazzi ġodda, Melita Unipol Insurance Brokers, li laqgħu t-talba tal-Youth FA sabiex għall-ewwel darba bis-saħħa tagħhom l-Assoċjazzjoni setgħet toffri polza ta' assikurazzjoni għall-players u qed jispon-




sorjaw ukoll il-Play Fair Award għal dan l-istaġun flimkien mal-Youth FA, l-MFA u Global Security Services.

Huwa rringarazzja wkoll lil Sports Experience, Liquigas, li huma fost l-isponsors ewlenin tal-Youth FA filwaqt li rringrazzja lill-ġurnalisti sportivi li għandhom għal qalbhom il-Youth FA u l-football tal-Youths, fejn appellalhom sabiex ikunu ġusti f'dak li jirrapportaw. Fuq kollox huwa appella lil dawk preżenti sabiex is-social media tintuża b'għaqal, u mhux sewwa li jkun hemm minn japprofitta ruħu minn xi okkażjonijiet biex jagħmel gwadan għal xi agenda moħbija li jista' jkun hemm. Huwa appella biex il-media qabel toħroġ b'konklużjonijiet għandha l-ewwel tmur fuq is-sorsi uffiċjali biex tivverifika l-fatti veri, imbagħad toħroġ il-kummenti tagħha. Il-president sostna li min jonqos li jagħmel dan ikun qed imur kontra l-etika ġurnalistika u jkun qed jagħmel aktar ħsara milli ġid.

Preżenti wkoll kien hemm is-segretarju ġenerali tal-MFA, Angelo Chetcuti, li ngħaqad mal-messaġġ ta' Fr Hilary. Huwa tenna li sakemm ix-xogħol fost iż-żgħażagħ isir mill-qalb allura wieħed ikun qed ikattar il-ġid. Dr Chetcuti saħaq dwar l-importanza li n-nurseries jipparteċipaw fl-istħarriġ li qed tagħmel il-Youth FA, għaliex huma dawk li qed jesperjenzaw il-polz veru tan-nurseries u għalhekk hija importanti li l-informazzjoni li ser tingħabar tkun fattwali. Preżenti wkoll kien hemm il-viċi-president tal-MFA, Matthew Paris, li flimkien ma Dr Chetcuti qassmu l-għajnuna finanzjaraja lin-nurseries preżenti.

## 98.7% iwieġbu għall-istħarriġ "Lejn Orizzonti Ġodda"

Wara li nhar, id-29 ta' Jannar, 2018, il-Youth FA nidiet l-istħarriġ għan-nurseries affiljati biex dejjem tifhem aktar u aħjar is-sitwazzjoni tan-nurseries fil-preżent, bl-iskop aħħari ta' dan l-istħarriġ ikun li filwaqt li tifhem id-diffikultajiet, tasal biex mir-riżultati tkun tista' tfassal strateġija għas-snin li ġejjin.

Kien nhar, l-10 ta' Frar, li dan l-istħarriġ kien konkluż u fejn il-maġġoranza tan-nurseries apparti nursery waħda wieġbu għal dan l-istħarriġ. Dan il-perċentwal hekk għoli (98.7%), kien ta' sodisfazzjon għall-Youth FA għaliex b'hekk għandha viżjoni wiesa' ta' tweġibiet li ġew indirizzati f'dan l-istħarriġ mill-isteakholders prinċipali, li huma n-nurseries.

Matul it-tieni ġimgħa ta' Frar, il-grupp responsabbli minn dan il-proġett beda jdaħħal id-data miġbura biex sa nofs Marzu joħroġ ir-riżultat ta' dan l-istħarriġ. Dan l-istess stħarriġ huwa t-tieni wieħed li nidiet l-Assoċjazzjoni mit-twaqqif tagħha, wara dak tas-sena 2004, li kien magħruf bħala "100 Plus Questionnaire".

Lejn nofs April, hemm il-ħsieb li l-Assoċjazzjoni tkun lesta biex tressaq ir-riżultati tiegħu lin-nurseries filwaqt li wara tibda t-tielet fażi fejn fuq ir-riżultati jibdew taħditiet li jwasslu għall-azzjonijiet konklussivi. F'din it-tielet fażi ta taħditiet mal-partijiet konċeranti, l-Assoċjazzjoni ser tinkludi aktar is-sehem tan-nurseries li huma l-isteakholders prinċipali.

Ir-riżultati aħħarin ikunu fuq l-Agenda ta' l-Assoċjazzjoni biex jitfassal programm strateġiku fejn trid tmur l-Assoċjazzjoni filħames snin li ġejjin.



# Ronnie O'Sullivan jirbaħ erba' titli fi staġun wieħed



**Ronnie O'Sullivan bit-trofew tal-World Grand Prix maċ-chairman tal-WPBSA, Jason Ferguson (xellug) u Adrian Osman tal-isponsors Ladbrokes**

Ronnie O'Sullivan għeleb lil Ding Junhui 10-3 fil-finali tal-World Grand Prix, u issa rebaħ erba' titli fi staġun wieħed għall-ewwel darba fil-karriera tiegħu.

O'Sullivan għamel tliet century breaks u tlieta oħra fuq il-50 f'wirja dominanti fil-Preston Guild Hall, biex rebaħ dan it-titlu għall-ewwel darba u l-premju ta' £100,000.

Dan huwa t-32 titlu ranking tal-karriera tiegħu, u issa jinsab erbgħa biss wara r-rekord ta' 36 ta' Stephen Hendry. S'issa huwa rebaħ fuq £600,000 fi premjijiet ta' flus fl-2017-18 u jista' isir l-ewwel player li jirbaħ iktar minn £1 miljun fl-istess staġun fejn jekk jirbaħ l-£425,000 li jġib miegħu l-Kampjonat tad-Dinja huwa jaqbeż din il-marka.

Fil-passat huwa rebaħ tliet titli fi staġun darba biss lura fl-2004-05, iżda wara li rebaħ l-English Open f'Ottubru, ix-Shanghai Masters f'Novembru, u l-UK Championship f'Diċembru, huwa mar aħjar meta kien għad fadal ħames titli rankings oħra x'jintlagħbu.

Titlu ieħor jarah jilħaq ir-rekord ta' ħamsa fi staġun, li fil-passat din saret minn Hendry, Ding u Mark Selby.

Fl-età ta' 42 sena, f'dawn l-aħħar ħames xhur O'Sullivan ipproduċa l-iktar snooker eċċellenti u konsistenti tal-karriera tiegħu bl-ippottjar mill-bogħod, il-bini tal-breaks u l-logħba tattika kollha f'forma stupenda.

Huwa baqa' fit-tieni post wara Selby fir-rankings tad-Dinja, iżda d-distakk qed jonqos.

Iċ-Ċiniż Ding falla li jirbaħ l-14-il titlu tal-karriera tiegħu u t-tieni tal-istaġun wara li f'Settembru rebaħ il-Yushan World Open bin-numru 4 tad-dinja jirbaħ il-premju ta' £40,000 bħala finalista.

L-ewwel erba' frames ġew maqsuma, iżda mbagħad O'Sullivan mar 4-2 minn fuq bi breaks ta' 124 u 105. Ding rebaħ is-seba' frame fuq il-kuluri biex żamm viċin iżda l-avversarju tiegħu għamel 59 u 120 biex wara l-ewwel sessjoni kien 6-3 fil-vantaġġ.

O'Sullivan ħa l-ewwel żewġ frames tat-tieni sessjoni biex kabbar id-distakk għal 8-3 b'Ding ikollu ċans li jiskorja fit-12-il frame iżda għamel 16-il punt biss u bi frustrazzjoni ta bir-ras fil-ġenb tal-mejda hekk kif il-logħba ħarbitlu.

O'Sullivan ikkastigah biex għamilhom 9-3 u break ta' malajr ta' 83 fil-frame li kien imiss issiġillalu r-rebħa.

"Ma kinitx l-aqwa wirja u kaxkart lil Ding għal-livell tiegħi," qal O'Sullivan li l-ewwel titlu li rebaħ kien fl-1993 fl-istess post meta il-UK Championship kien sar fi Preston.

"Huwa tilef il-konċentrazzjoni u jien ħadt biċċiet 'l hemm u 'l hawn. Jien dejjem inkun se niskorja u anke meta ma nkunx fl-aqwa tiegħi l-kontroll tal-boċċa l-bajda għadu tajjeb."

Meta mistoqsi jħossx li meta rebaħ dak it-titlu fl-1993 li se jibqa' jġemma' l-premjijiet wara kwart ta' seklu, O'Sullivan qal: "Iva, jien dejjem emmint li kapaċi niddomina l-mejda u jekk il-forma tkun hemm it-titli jiġu. Hija ħaġa sabiħa li għaddew 25 sena mill-ewwel titlu u nittama li dan mhux l-aħħar wieħed."

Ħarsa 'l quddiem għall-Crucible fil-ħarifa fejn O'Sullivan rebaħ ħames darbiet, huwa qal: "Ma naħsibx li kapaċi nirbaħ titlu ieħor tad-dinja.

"Hemmhekk irid ikollok ħafna enerġija u issa jien xjaħt. Kapaċi nilgħab tajjeb fuq ftit jiem iżda l-Kampjonat tad-Dinja huwa kollu fuq stamina u konsistenza li bħalissa mhumiex addattati għal-logħba tiegħi. Iżda nistennew u naraw." Ding qal: "Fl-ewwel sessjoni kelli ċ-ċansijiet u ma ħadthomx. Jidher li ma lgħabtx tajjeb. Hija dejjem ħolma li tilgħab ma' Ronnie f'finali u ridt nilgħab tajjeb kontrih – però dan mhux dejjem iseħħ, iżda ppruvajt. Fl-aħħar ftit xhur ma lgħabtx tajjeb."

Il-frames kollha żvolġew hekk:

Ronnie O'Sullivan v Ding Junhui 10-3 – 2-61 (53), 79-22 (71), 71-47, 42-81 (68), 124-8 (124), 113-16 (105), 42-64, 81-37 (59), 120-0 (120), 113-4, 79-6, 89-16, 83-9 (83).

Is-supejoritá ta' O'Sullivan tidher mit-total ta' punti li tella', 1,038, kontra 371 ta' Ding.

# John Higgins jirbaħ għal rekord ta' ħames darbiet




John Higgins jiċċelebra s-suċċess tal-Wesh Open

John Higgins għeleb lil Barry Hawkins 9-7 fil-finali tal-Welsh Open li ntlagħab fil-Motorpoint Arena, Cardiff, biex sar l-ewwel player li rebaħ it-titlu ħames darbiet.

Ir-referee tal-finali kien il-Malti, Terry Camilleri, li l-ewwel waħda tiegħu kienet 11-il sena ilu fil-Malta Cup bejn Shaun Murphy u Ryan Day.

Higgins irkupra minn 4-2 minn taħt biex rebaħ sebgħa mill-aħħar 10 frames ta' finali ta' kwalitá, u b'hekk rebaħ ir-Ray Reardon Trophy u l-premju ta' £70,000.

Il-Welsh Open huwa t-tielet tournament ranking li ilu jeżisti wara l-Kampjonat tad-Dinja u l-UK Championship, u issa Higgins għadda lil Ronnie O'Sullivan b'ħames rebħiet tat-titlu bis-suċċessi l-oħra jaslu fl-2000, 2010, 2011 u 2015.

Għall-Iskoċċiż Higgins dan huwa t-tieni titlu ranking li rebaħ dan l-istaġun wara li f'Settembru rebaħ l-Indian Open li huwa t-30 wieħed tiegħu tal-karriera. Dan iħallih tnejn wara O'Sullivan u sitta wara Stephen Hendry.

Fl-etá ta' 42 sena, Higgins għadu wieħed mill-iktar kompetituri ħorox fit-tour u l-magħrufa logħba ġenerali tiegħu hija b'saħħitha daqs qabel.

It-tlieta l-kbar li saru professjonali fl-1992 – Higgins, O'Sullivan u Mark Williams – bejniethom rebħu tmienja mis-16-il tournament ranking dan l-istaġun. Kollha jilagħbu b'dehra ta' rġiel li kisbu ħafna fil-karriera tagħhom u issa qed jieħdu pjaċir b'dak li fadal, mingħajr il-pressjoni li s-soltu tiġi b'kompetizzjoni intensa fl-ogħla livell.

Higgins baqa' fil-ħames post fir-rankings tad-dinja, iżda naqqas id-distakk ma' Ding Junhui li jinsab ir-raba'.

Hawkins, li tela' post grazzi għall-premju ta' £30,000 li rebaħ, falla ċ-ċans li jirbaħ ir-raba' titlu mindu sena ilu rebaħ il-World Grand Prix. Dan l-istaġun kien wieħed diffiċli għall-player ta' 38 sena minn Londra, kemm fuq kif ukoll barra l-mejda, meta kellu jiġi f'tiegħu wara l-mewta traġika ta' ħu l-mara tiegħu.

Kif spjega wara s-semi-finali kien fl-aħħar ġimgħa li kien kapaċi jiffoka fuq is-snooker bil-forma li kiseb lura f'Cardiff taghti lill-ex finalista fil-Crucible, kunfidenza għall-kumplament tal-istaġun. Iżda huwa falla post fil-Players Championship li se jsir fi Llandudno aktar tard dan ix-xahar.

Wara li l-ewwel sessjoni għalqet 4-4 Higgins rebaħ l-ewwel frame tat-tieni u wara rkupra minn 44-10 f'dak ta' wara li rebaħ bi clearance ta' 64 biex mar 6-4 minn fuq. Hawkins irritalja b'żewġ century breaks stupendi ta' 103 u 138 biex sal-mistrieħ għamilhom 6-6.

Fit-13-il frame Hawkins kellu dak li deher vantaġġ komdu ta' 44-4 iżda Higgins għamel clearance ta' 66 biex reġa' mar minn fuq iżda f'dak ta' wara Hawkins deher li seta' jirbħu u wara botta u risposta tattika kien Higgins li mar 8-6 minn fuq.

Hawkins għamel 82 biex resaq frame viċin u dak ta' wara ra lil Higgins jagħmel break ta' 64 biex ssiġilla r-rebħa.

"Din kienet waħda mill-iktar finali pjaċevoli li lgħabt fiha u kien fantastiku li rbaħt," qal Higgins. "Lejn it-tmiem kien hemm xi żewġ frames li kienu viċin. Barry żgur li ddispjaċih li ma marx 7-6 minn fuq jew rebaħ il-frame ta' wara u jagħmel l-iskor 7-7. Il-logħba dehret li sejra sal-aħħar frame u kien xieraq li kieku dan seħħ, iżda għamilt break tajjeb fis-16-il frame u rbaħt.

"Ninsab fis-seba' sema u li rbaħt 30 titlu hija 'l bogħod mill-ikbar ħolmiet tiegħi. Min jaf jekk nirbaħx iktar wara li rbaħt żewġ titli dan l-istaġun.

"Wara li tlift il-finali fil-Crucible s-sena l-oħra kont daqsxejn b'moral baxx iżda issa wrejt li għadni kapaċi nirbaħ it-titli. M'għamiltx hekk fil-Masters, fil-UK jew fil-Crucible għal seba' snin u issa dan huwa l-għan tiegħi. Meta tkun fuq kolp tkun qed tieħu pjaċir bis-sitwazzjoni li tkun fiha."

Hawkins, li issa tilef tlieta mill-aħħar finali ranking, qal: "Ninsab xi ftit imdejjaq. Inħoss li lgħabt tajjeb iżda John kien kliniku. Ma nistax insawwat lili nnifsi wisq għax John huwa wieħed mill-players kbar u jien imbuttajtu l-ħin kollu. Bqajt niġġieled u ma ċedejtx.

"Kelli ċans immur 5-2 minn fuq u ma tistax ma tieħux opportunitajiet bħal dawn kontra John. Ħassejtni tajjeb ħafna f'xi waqtiet u hemm il-pożittiv x'nieħu minn dan it-tournament. Inħoss li l-logħba tiegħi tinsab fit-triq it-tajba."

Il-frames intrebħu hekk: John Higgins v Barry Hawkins 9-7 – 55-66, 138-0 (138), 68-70 (Higgins 68), 141-0, 16-66, 0-131 (130), 83-14 (51), 73-15 (58), 56-1, 59-44, 6-125 (103), 0-142 (138), 70-44 (66), 65-55, 0-82 (82), 72-0 (64).

# L-iskwadra ta' Malta Cricket tipprepara għal sena importanti



L-iskwadra ta' Malta Cricket li attendiet l-ewwel kamp ta' taħriġ

L-iskwadra nazzjonali ta' Malta Cricket iltaqgħet għall-ewwel kamp ta' taħriġ tas-sena bi tħejjija għal logħbiet ta' ħbiberija u tournaments T20 fil-Lussemburgu (Lulju) u fl-Ungerija (Awissu).

Il-kamp tat-taħriġ sar fil-Marsa Sports Club taħt il-gwida ta' Darren Scott, il-coach tat-team nazzjonali. Darren huwa cricketer ex-professjonali u England Cricket Board Level 3 Coach. Il-kamp tah l-opportunità ideali biex jaħdem mal-players tiegħu b'mod intensiv u kien partikolarment impressjonat bil-livell ta' kompetizzjoni għal postijiet fit-team ta' Malta.

Paul Bradley, chairman ta' Malta Cricket, spjega li "Definittivament hemm żieda fil-kwalità tal-iskwadra. Is-selezzjonaturi nazzjonali se jkollhom kompitu diffiċli billi jagħżlu l-iskwadra finali għal Lussemburgu."

Frank Spiteri, viċi-chairman ta' Malta Cricket u l-aqwa skorer ta' Malta, jemmen li kamp tat-taħriġ hekk kmieni fis-sena huwa vantaġġ konsiderevoli fuq in-nazzjonijiet l-oħra.

"Fi żmien meta t-timijiet Ewropej l-oħrajn kollha huma limitati għal cricket ġewwa, aħna l-uniku nazzjon tal-cricket fl-Ewropa li jospita logħbiet kompetittivi tal-kampjonat. Dan ifisser li l-players tagħna se jkunu mħejjija aħjar għal-logħbiet internazzjonali li ġejjin."

L-iskwadra Maltija se jkollha l-kamp ta' taħriġ li jmiss għal April, flimkien ma' ħames logħbiet f'disat ijiem kontra Romiley Cricket Club (Cheshire League - Division 2), Actonians CC (Middlesex Championship - Diviżjoni 1), Harrow School, Grasshoppers CC (Shropshire) u Wraysbury CC (Chilterns Cricket League - Diviżjoni 1).

Fit-3 u l-4 ta' April, l-Akkademja ta' Malta għandha wkoll tilgħab kontra l-Akkademja David Byas Cricket Academy u Hampshire Academy. L-U17 ser jużaw dawn il-logħob bħala pass ta' progress għall-għażla tat-team nazzjonali.



Darren Scott ... il-head coach tat-team nazzjonali ta' Malta Cricket




Il-coach Darren Scott ikellem lill-players waqt l-ewwel kamp ta' taħriġ




Andrew Naudi u Sam Aquilina fl-azzjoni

minn Joe Bajada

# F'Għawdex il-logħba tal-boċċi tattira kemm anzjani kif ukoll żgħar



Xagħra A .... champions

Dak li kien jidher impossibbli f'dawn is-snin kollha, f'Għawdex issa nistgħu ngħidu li għandna champions tal-Boċċi wara li dan l-aħħar intemm b'suċċess l-ewwel kampjonat Għawdxi.

Madankollu fil-passat kienu saru diversi kompetizzjonijiet f'forma ta' Knock-Out, iżda l-ebda Kampjonat qatt ma wasal fi tmiemu minkejja t-tentattivi li kienu saru l-iktar fl-1983 meta kien beda jintlagħab l-ewwel kampjonat fejn kollox kien miexi b'żewġ sezzjonijiet komposti minn sitt clubs rappreżentati minn żewġ timijiet kull wieħed.

Iżda l-finali bejn iż-żewġ timijiet rebbieħa tas-sezzjonijiet, dik ta' bejn San Domenica tar-Rabat u Qala Belvedere, qatt ma saret għax klen Inqala' bosta Inkwlet. Dan seħħ għal diversi fatturi, fosthom nuqqas ta' konsistenza f'dawk li huma regolamenti għax prattikament kull pitch kellu l-metodi tiegħu jew aħjar li mhux il-players kollha kienu jirrispettaw il-mod ta' kif wieħed igara.

Iżda grazzi għal xi dilettanti fosthom Louis Grech, Joseph Grima u Carmel Attard li kienu ġejjin minn clubs differenti, ħasbu biex jiffurmaw Assoċjazzjoni u fl-istess waqt affiljaw mal-Bord Sportiv Għawdxi. Kien hawn li huma sabu lil Joe Bajada, segretarju tal-istess Bord Sportiv li ħejja statut, regolamenti, kodiċi ta' dixxiplina u bosta affarijiet oħra biex l-Assoċjazzjoni setgħet tibda timxi. Dan kollu mbagħad tressaq għall-approvazzjoni tal-istess membri tal-Assoċjazzjoni Għawdxija tal-Boċċi.

**Sportiv** tkellem mal-president Louis Grech li qal: "Wara li ġejna affiljati mal-Gozo Sports Board u ġew organizzati żewġ knock-outs għal timijiet Għawdxin li kienu suċċess, l-Assoċjazzjoni bdiet taħseb biex jiġi organizzat kampjonat fuq bażi ta' home u away, li qatt ma kienet ġie organizzata b'mod uffiċjali qabel".

Mistoqsi x'kien jirrekjedi bħala ħidma amministrattiva biex seta' jibda dan l-ewwel Kampjonat tal-Boċċi huwa stqarr li wara li żammejna laqgħat kontinwi bejnietna fil-Gozo Sports Board u wara li għamilna l-kampanja biex jiġu affiljati t-timijiet, grazzi għal Joe Bajada, ħejjejna l-programm għal logħbiet kollha".

Dwar x'konkorrenza sabu mid-diversi clubs imferrxa ma' Għawdex, Is-Sur Grech qal li huma xtaqu li din kienet aħjar minn ċerti clubs li għandhom konkorrenza lokali kbira, iżda dan il-fattur seta' kien minħabba xettiċiżmu li dan il-league seta' jinbeda u jitkompla. Matul il-league dawn l-istess clubs kienu diġá qed jiddispjaċihom u kienu qed jaħsbu kif se jdaħħlu aktar timijiet fil-futur. Kien hemm anki ċertu rħula li ma daħlux iżda diġá qed juru nteress għall-futur.

Madankollu l-problemi ma naqqsux fosthom li mhux kulħadd beda jaċċetta li r-regolamenti jkunu stabbli u uniformi għal kulħadd. Peró b'diversi laqgħat tal-Kumitat, dawn il-problemi ġew solvuti. Louis Grech qal li problema kbira kienet fuq in-nuqqas ta' referees u kellhom ikunu l-istess uffiċjali tal-Federazzjoni li b'tant sagrifiċċji u dedikazzjoni kkontrollaw il-logħbiet fosthom huwa stess, flimkien mas-Segretarju Carmel Attard u t-Teżorier Joe Grima, b'dan tal-aħħar jikkontrolla l-ikbar ammont ta' partiti, 24 minn total ta' 56 partita.

"F'Għawdex il-logħba tal-boċċi tattira kemm anzjani kif ukoll żgħar, iżda peress li l-anzjani jkollhom aktar ħin liberu, il-preżenza u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-clubs tal-boċċi tkun aktar numeruża," tenna Louis Grech. Bħala Assoċjazzjoni huwa jlxtleq u fil-fatt huwa l-għan tagħhom li l-kompetizzjonijiet tal-boċċi f'Għawdex isiru xi ħaġa regolari u anki jibdew jieħdu sehem f'xi kompetizzjoni f'Malta. Ħaġa oħra li tinsab fil-pjani tagħhom hija li jistudjaw xi possibbiltajiet ta' skambji tal-UE rigward dan l-isport.

Huwa xtaq irodd ħajr lill-Ministeru għal Għawdex u l-Gozo Sports Board speċjalment lis-segretarju Joe Bajada, lil sħabu tal-kumitat, lir-referees li għamlu dan ix-xogħol imprekattiv mingħajr interess ta' xejn, lill-clubs li pparteċipaw u l-players kollha li ħadu sehem.

Is-Sur Grech temm jgħidi li: "Il-logħba tal-

boċċi hija logħba tradizzjonali speċjalment tal-Għawdxin peress li l-Maltin jilagħbu b'boċċi differenti. Punt pożittiv ta' din il-logħba huwa li tgħin ħafna fl-anzjanitá attiva u peress li l-popolazzjoni Għawdxija qed issir dejjem anzjana, irridu nagħmlu l-almu kollu tagħna biex din il-logħba tkompli tikber u tinfirex.

Sportiv ħa l-kummenti tat-Teżorier habrieki Joe Grima li sostna: "Aħna nixtiequ naraw l-Assoċjazzjoni tagħna ssib sapport finanzjarju permezz ta' xi sponsorship, kif ukoll għajnuniet oħra bħal xi donazzjoni ta' settijiet tal-boċċi għax dawk li qed jintużaw huma tal-clubs rispettivi u jkun ferm xieraq li kienu l-Assoċjazzjoni jkollha dawk tagħha biex tkun tista torganizza l-kompetizzjonijiet b'inqas problemi."

Huwa tenna wkoll li jixtieq titjib fil-faċilitajiet eżistenti kif ukoll jixtieq jara lill-clubs kollha jsibu mod ta' kif jiffinanzjaw ruħhom, għax b'hekk biss inkunu nistgħu nħarsu 'l quddiem b'ċertu ottimiżmu.

Grima żied jgħid li l-interess fil-logħba tal-boċċi huwa kbir ħafna u għalhekk jemmen li dan l-isport jekk ikollu s-sapport meħtieġ, wieħed jkun qed jiggarantixxi futur sabiħ.

Huwa appella biex iktar clubs u individwi jitħajru jagħtu s-sehem parteċipattiv tagħhom biex b'hekk l-interess li hawn ikompli jiġbed lejn iktar dilettanti mferrxa ma' diversi clubs u pitches fil-gżira Għawdxija. Joe Grima temm jgħid: "Bit-talent li hawn f'Għawdex, nemmen li hawn players ta' livell li jistgħu anke jirrappreżentaw lil Malta f'kompetizzjonijiet internazzjonali bħal ma kien seħħ fil-passat f'edizzjoni minnhom tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li kienet saret f'San Marino

"Nappella lill-clubs Maltin biex kull meta jitilgħu Għawdex, biex jagħmlu kuntatt magħna fejn flimkien mhux biss naqsmu l-esperjenzi tagħna iżda wkoll norganizzaw logħbiet bejnietna."

Intant dan il-kampjonat li ntlagħab fuq bażi ta' żewġ rounds bil-logħbiet jintlagħbu home u away. Kull logħba ntlagħbet fuq tliet sets u ngħataw punt għal kull set mirbuħ, filwaqt li kull set jntrebaħ mat-12-il punt akkwistat. Il-boċċi kemm tat-tgarar, kif ukoll dawk tat-tfendija kienu dawk ta' 800 gramma. Biex kulħadd jimxi mar-regolamenti, kif ukoll biex tkun eliminata l-ikbar problema, saru staffi/messi tal-ħadid kollha tal-istess qies għall-pitches kollha kull fejn sar il-logħob.

L-interess f'dan il-kampjonat kien wieħed qawwi ħafna fejn irriżulta f'wieħed mill-iktar akkanit bir-rebħ tal-kampjonat ikun deċiż fl-aħħar partiti. Kien it-team ta' Xagħra 'A' kompost minn Joe Sacco, Sam Frank Bajada, Karistu Farrugia, David Sultana, Victor Attard u Baskal Saliba li ħarġu rebbieħa b'punt vantaġġ fuq Xewkija ta' Michael Xerri, Salvu Mielak, Karmnu Azzopardi, Joe Vella u Leli Pace. Żewġ punti inqas mic-champions Xagħra A, spiċċaw Sannat b'26 punt. Timijiet oħra li kienu fil-ġlieda għat-titlu kienu Xerri l-Bukkett li spiċċaw b'24 punt, Xagħra B bi 23 punt u Nadur b'20 punt. It-timijiet l-oħra li ħadu sehem kienu Qala St Joseph u Kerċem.

Il-premjazzjoni lir-rebbieħa saret mill-Ministru għal Għawdex Dr. Justyne Caruana fejn fil-messaġġ tagħha hija ferħet lill-Assoċjazzjoni Għawdxija tal-Boċċi għal dan is-suċċess ta' dan l-ewwel kampjonat Għawdxi.

Hija appellat lil kulħadd biex flimkien ikompli fuq dak li attwalment hemm fejn billi wara li ngħelbu l-isfidi eżistenti, b'hekk wieħed jista jipjana aħjar fit-tul, bi pjan u strateġija.

F'dan l-isport tradizzjonali u fl-istess waqt soċjali wieħed jista' jħares b'ottimiżmu u b'ċerti għajnuniet wieħed għandu jippjana aħjar mhux biss biex jerġa jkun organnizzat kampjonat ieħor, iżda wkoll biex jitjiebu l-faċilitajiet eżistenti.

Fl-istess waqt, il-Ministru Caruana awgurat kull suċċess biex dan l-isport tant popolari f'Għawdex ikompli jikber fl-entużjażmu u l-organizzazzjoni tiegħu.

F'Għawdex il-logħba tal-boċċi tintlagħab totalment differenti minn f'Malta għax il-boċċi li jintużaw f'Għawdex huma dawk tal-metall li jintużaw fil-logħba nternazzjonali magħrufa bħala il-'Petanka'.

U dawk milgħuba f'Malta, minkejja li l-boċċi għandhom isimhom magħhom li huma tondi, dawn għandhom forma ċilindrika. Dan ġara matul il-milja taż-żmien għax il-boċċi li kienu jintużaw kienu kważi tondi.

Logħba oħra f'Għawdex li nistgħu ngħidu li kellha konnessjoni mal-boċċi u li llum għadha tintlagħab biss fir-raħal ta' Għarb hija l-logħba tal-Brilli li permezz ta' boċċi tondi jkunu jridu jitwaqqgħu diversi brilli. ■


Joe Bajada waqt id-diskors tiegħu fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex, Justyne Caruana

Minn James Azzopardi






# Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-UEFA għat-tisħiħ tal-isport

L-Unjoni Ewropea (UE) toffri diversi opportunitajiet liċ-ċittadini biex jagħmlu differenza fil-komunitajiet tagħhom f'diversi setturi, fosthom anki dak sportiv.

Minbarra l-ħafna opportunitajiet u fondi għal proġetti sportivi li toffri, l-UE tfittex ukoll li tilħaq ftehimiet ma' organizzazzjonijiet sportivi kontinentali biex issaħħaħ diversi aspetti tal-isport, fosthom l-integrità, l-inklużjoni, ir-rispett għad-drittijiet umani u l-governanza tajba.

Ix-xahar li għadda, l-UE u l-UEFA ġeddew ftehim li kien intlaħaq l-ewwel darba fl-2014. Dan it-tiġdid, li jwassal sa tmiem l-2020, jiffoka fuq il-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-UEFA, u hu bbażat fuq "ix-xewqa komuni tal-promozzjoni tal-valuri soċjali fl-isport, u s-salvagwardjar tal-prinċipji tal-ġustizzja u tal-inklużjoni fl-isport, b'mod partikolari fil-football".

Fimkien mal-president tal-UEFA, Aleksander Ceferin, l-ewwel viċi-president tal-Kummissjoni Ewropea, Frans Timmermans u l-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Tibor Navracsics, ikkommettew l-entitajiet li jirrappreżentaw għal aktar ħidma f'dan l-isport tant popolari fl-Ewropa u fid-dinja.

Il-viċi-president, Timmermans, kompla ma' kliem il-president tal-UEFA u stqarr li filwaqt li jinsab kuntent li dan il-ftehim mal-UEFA ġie mġedded, hu jħoss li flimkien, il-Kummissjoni Ewropea u l-UEFA jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jaħdmu flimkien u "jiġġieldu r-razziżmu u d-diskriminazzjoni, u jippromwovu s-solidarjetà, is-sostenibbiltà u l-ugwaljanza" fil-football. Timmermans semma' wkoll li l-football hu negozju kbir traskonfinali fid-dinja, u għalhekk, din il-koperazzjoni għandha wkoll tkompli l-ħidma konġunta fis-settur tas-sigurtà.

Il-Kummissarju Navracsics min-naħa tiegħu għaraf li l-logħba tal-football tmur lil hinn minn sempliċi attività, iżda huwa mod ta' kif popli jistgħu jingħaqdu u li dan it-tiġdid se jsarraf f'iktar ħidma f'dan ir-rigward.

Minbarra l-aspett soċjokulturali, it-tiġdid tal-ftehim juri wkoll li ż-żewġ partijiet għandhom interess li jinkoraġġixxu aktar taħriġ u żvilupp, partikolarment għall-players tal-football. Biex dan iseħħ, kemm il-Kummissjoni Ewropea u kif ukoll il-UEFA stqarrew li se jkomplu jiżguraw li klabbs żgħar ikollhom inċentivi kemm finanzjarji u anki sportivi




biex jinvestu fit-taħriġ tal-atleti tagħhom.

Fatt ieħor interessanti hu li fil-ftehim hemm punti li jirrigwardaw il-EURO 2020, li se jkun l-ikbar avveniment transkonfinali li qatt sar fl-istorja mhux biss il-football, iżda tal-isport. Fil-fatt, din il-kompetizzjoni se ssir mhux f'pajjiż wieħed biss, iżda se ssir madwar 12-il belt minn 12-il pajjiż differenti: Londra, Baku, Munich, Ruma, Saint Petersburg, Amsterdam, Bilbao, Bucharest, Budapest, Copenhagen, Dublin u Glasgow.

S'intendi, avveniment kbir bħal dan żgur li se jinvolvi ħafna ppjanar u involviment f'diversi setturi, u għalhekk, il-koperazzjoni bejn l-organizzaturi (fosthom il-UEFA) u l-pajjiżi parteċipi se tkun kruċjali. Għaldaqstant, it-tiġdid se jservi wkoll biex dan l-avveniment u l-opportunitajiet li jirrappreżenta jkunu xprunati bl-aħjar mod possibbli.

Fil-fatt, il-Kummissjoni u l-UEFA jaqblu dwar l-importanza li l-EURO 2020 jirrappreżenta l-ippjanar ta' avveniment li għandu jħalli wirt pożittiv sostenibbli u soċjalment responsabbli u li, filwaqt li fl-istess ħin jindirizza sfidi bħall-ivvjaġġar bla xkiel bejn il-fruntieri, u s-sigurtà tal-parteċipanti u l-partitarji.

Tajjeb li nsemmu li l-UEFA ilha tikkontribwixxi għall-attivitajiet tal-UE għal diversi snin. Fil-fatt, il-UEFA tappoġġa l-wegħda tal-Kummissjoni Ewropea għal governanza tajba fl-isport, u s-sena li għaddiet approvat riformi f'dan il-qasam. Il-UEFA hi wkoll kontributur għall-Ġimgħa Ewropea tal-Isport (European Week of Sport) tal-Kummissjoni Ewropea u l-ftehim saħansitra jistqarr li l-Kummissjoni Ewropea u l-UEFA se jibqgħu jaħdmu flimkien f'din il-kampanja u inizjattivi simili.



## Kampjonat 1963-64

minn **Tonio Farrugia**

# Rebħa kbira għal Valletta

**It-Tnax-il Ġurnata**

**29-03-1964:**
**Melita FC – St. George's FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Skorja: F. Bonello (M) 4'.**
**Referee: Jos. FX Galea**
**Linesmen: George Busuttil u Turu Lentini**

**Melita FC:** George Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Emmanuel Suda, John 'Casey' Cassar, John Delia, John Bugeja, Frank Bonello, Alfred Dymond, Marcel Scicluna, John Bonnett, Edwin Mifsud.

**St. George's FC:** Pawlu Nappa, Joe Brincat, Andrew Ellul, Frans Buttigieg, Leli Micallef, Edward Darmanin, Charles Pavia, Harry Scicluna, Eddie 'Bagaga' Mizzi, Leli Sultana, Freddie Wilson (Ray Gauci 46').

1. L-attendenza kienet waħda fqira meta madwar 500 persuna kienu preżenti filwaqt li l-partita kienet waħda monotona għall-aħħar. Il-ġurnal 'Il-Berqa' beda r-rapport tal-logħba b'dan il-mod: "Żewġ ħwejjeġ biss kien hemm tajba f'90 minuta – il-goal ta' Melita wara erba' minuti logħob u t-tisfira tal-aħħar."

2. B'din it-telfa St. George's sfaw relegati għat-Tieni Diviżjoni. Minħabba li minn dan l-istaġun żewġ timijiet minflok wieħed bdew jiġu relegati kien għad fadal taqtiegħa interessanti bejn Ħamrun, Rabat u Melita sabiex jevitaw il-post ta' qabel l-aħħar.

3. Minħabba l-Ġimgħa l-Kbira, is-Sibt ma sarx logħob fl-Istadium.

**04-04-1964:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 6-1**
**H.T 3-1**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: P. Buttigieg (Ħ) 5', T. Calleja (V) 7', V. Vassallo (V) 36' u 37', A. Borg (V) 75' u F. Zammit (V) 76' u 85'.**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Joe Cilia, Frankie Zammit, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Tony Calleja, Josie Urpani, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

**Ħamrun Sp. FC:** Johnnie Chetcuti, Lolly Muscat, Martin Attard, Johnnie Fondacaro, Carmel Galea, John 'Il-Lolu' Zarb, Pawlu Buttigieg, Edward Spiteri, Jimmy Mizzi, Stanley Moore, John 'Il-Bipu' Mifsud.

1. Pawlu Gauci 'Iċ-Ċorma' ma lagħabx minħabba li ġurnata wara huwa kellu jingħaqad fis-sagrament taż-żwieġ mas-Sinjorina Lilian Spiteri.

2. Ħamrun Spartans lagħbu tliet players – Carmel Galea, Edward Spiteri u Stanley Moore – li s-soltu kienu jilagħbu fil-League tar-Reserves. Huma kellhom nieqsa lil Ċikku Xuereb li kellu xi differenzi mal-kumitat filwaqt li ħallew barra mit-team lill-goalkeeper Lino Mizzi u lil Albert Calleja wara li kienu marru jilagħbu fil-Libja mal-MAFA u minħabba f'hekk ma kienux lagħbu mal-Ispartans fl-aħħar ħarġa.

3. Minbarra s-sitt goals Valletta kienu laqtu l-lasti tliet darbiet minn Tony Calleja fl-ewwel taqsima u minn Charlie Willians u Josie Urpani wara l-mistrieħ.

**05-04-1964:**
**Sliema Wdrs FC – Hibernians 2-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: G. Cuschieri (S) 53' u R. Buttigieg (S) 77'.**
**Referee: Frans X. Grech**
**Linesmen: Turu Lentini u Toni Galea**

**Sliema Wdrs FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, George Cuschieri, Ronnie Cocks, Joe Cini, Joe 'Jockey' Xuereb, Edward Aquilina, Robbie Buttigieg.

**Hibernians FC:** Tony Borg, Salvu 'Karettuni' Gatt, Michael Zammit, Victor Grima (Emmanuel Pace 18'), Sunny Anastasi, Freddie Delia, Tony Griffiths, Frans Scerri (Victor Brincat 70'), Victor 'Il-Palun' Cassar, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Norman Buckle.

1. L-ewwel goal tal-Wanderers wasal minn xutt minn kważi nofs il-ground ta' George Cuschieri li l-goalkeeper Tony Borg ħasbu li kien sejjer barra u m'għamel l-ebda tentattiv biex jilqgħu.

2. Fit-18-il minuta Victor Grima weġġa' wara tackle ta' Robbie Buttigieg u ma setax ikompli. Minfloku ddebutta Emmanuel Pace. Grima tilef il-kumplament tal-istaġun.

3. Is-sostitut Victor Brincat irritona mal-Pawlisti wara diversi xhur nieqes minħabba operazzjoni tal-cartilage.

4. Robbie Buttigieg kellu goal li ġie mħassar għal offside dubjuż fl-20 minuta.

5. Joe Cini laqat il-lasta f'żewġ okkażjonijiet differenti. L-ewwel fl-34 minuta b'daqqa ta' ras u t-tieni darba laqat il-wieqfa ħames minuti mit-tmiem.

**11-04-1964:**
**Rabat FC – Melita FC 2-1**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: M. Scicluna (M) 70', L. Azzopardi (R) 73' u L. Agius (R) 89'.**
**Referee. Turu Lentini**
**Linesmen: George Busuttil u John F. Galea.**

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Charlie Ciantar, Frans Peplow, Charles Nappa, Victor Azzopardi, Leslie Agius, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi (John Sapiano 46'), Nenu Chircop, Pawlu 'Il-Fulier' Said (Lolly Azzopardi 59').

**Melita FC:** George Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Emmanuel Suda, John 'Casey' Cassar, John Delia, John Bugeja, Frank Bonello, Alfred Dymond, Marcel Scicluna, John Bonnett, Wistin Mallia.

1. Wara 11-il minuta Rabat ingħataw penalty għal hands ta' John Delia iżda x-xutt b'saħħtu ta' Johnnie Azzopardi spiċċa għoli. Delia kien laqat il-ballun b'idu meta mar biex jikklerja x-xutt ta' Leslie Agius li kien ħabat mal-lasta l-wieqfa.

2. Il-goal tal-vantaġġ ta' Melita wasal minn żball fid-difiża meta d-difensur Norman Scott qassam lura lejn il-goalkeeper Zerafa u ma ndunax li kien hemm il-player Marcel Scicluna li mill-ewwel ħataf il-ballun u spara fis-saqaf tax-xibka.

3. Anke l-goal tar-rebħa ta' Rabat

minuta mit-tmiem wasal minn żball meta l-goalkeeper George Borg deher li ser jilqa' ix-xutt iżda l-ballun imbaram ma' sidru u spiċċa fix-xibka.

4. Rabat kellhom nieqes lil Charlie Zammit li ġie sospiż logħba mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara li kien għadda xi rimarki lir-referee fl-aħħar partita ta' Rabat kontra Hibernians (2-3).

5. Wistin Mallia rritorna għal Melita wara aktar minn xahrejn nieqes meta kien weġġa' kontra Valletta f'Jannar filwaqt li Johnnie Azzopardi kien qed jirritorna għal Rabat wara li falla l-aħħar żewġ partiti minħabba xi differenzi mal-kumitat Rabti fuq sostituzzjoni li m'aċċettax kontra St. George's fil-bidu ta' Frar.

6. Il-partita ntlagħbet quddiem folla żgħira anke minħabba l-fatt li fl-4.30 p.m. fuq ir-RAI TV kienet ser tintwera l-partita ta' ħbiberija bejn l-Italja u ċ-Ċekoslovakkja.

Melita FC lagħbu partita iktar; Floriana FC lagħbu partita inqas.

**Klassifika:** Sliema Wdrs FC 22 pt.; Valletta FC 20 pt.; Hibernians FC 15-il pt.; Floriana FC 14-il pt.; Ħamrun Sp. FC, Rabat FC u Melita FC 8 pti., St. George's FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC) u J. Urpani (Valletta FC) 9 goals; T. Cauchi (Floriana FC), E. Aquilina u J. Cini (Sliema Wdrs FC), F. Borg (Valletta FC) 8 goals; V. Cassar (Hibernians FC) u V. Vassallo (Valletta FC) 7 goals; E. Mizzi (St. George's FC) 6 goals.

**It-Tlettax-il Ġurnata**
**12-04-1964:**
**Ħamrun Sp. FC – Hibernians FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Pawlu Bonnett**
**Skorja: E. Spiteri (Ham) 50'.**

**Hamrun Sp. FC:** Johnnie Chetcuti, Johnnie Fondacaro, Joe Stanmore, Albert Calleja, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Pawlu Buttigieg, Edward Spiteri, Jimmy Mizzi (Gejtu Briffa 81'), Frans 'In-Nagħga' Xuereb, Charles 'It-Topsy' Aquilina.

**Hibernians FC:** Tony Borg, Michael Zammit, Salvu 'Karettuni' Gatt, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Sunny Anastasi, Tony 'Il-Koku' Attard, Tony Griffiths, Frans Scerri, Victor 'Il-Palun' Cassar, Norman Buckle, Lorry Young.

1. Minbarra l-players tas-soltu – Freddie Mizzi, Johnnie Privitera, Louis Theobald u Leli Attard – Hibernians kellhom nieqsa wkoll lil Freddie Delia li kien siefer dak in-nhar stess mar-Royal Air Force u lil Victor Grima li kien weġġa' fl-aħħar ħarġa kontra Sliema u ma kienx qed jinżel għat-training, biex issa kien fadal biss Eddie Theobald, Salvu Gatt, Victor Cassar u Sunny Anastasi mill-players regolari, bl-oħrajn ikunu kollha reserves jew mit-team tal-Minors. Lorry Young, 15-il sena, kien qed jiddebutta ma' Hibernians.

2. Fil-partita tal-Ewwel Round mill-Kampjonat tar-Reserves bejn dawn iż-żewġ timijiet, Ħamrun kienu għelbu lil Hibernians bl-istess skor ta' 1-0, kien skorja wkoll Edward Spiteri filwaqt li l-goalkeeper ta' Hibernians dak in-nhar ukoll kien Tony Borg.

3. Qabel wasal il-goal tal-Ispartans kienu Hibernians li marru qrib li jiftħu l-iskor meta laqtu darbtejn il-lasta, l-ewwel darba fl-40 minuta minn free-kick ta' Sunny Anastasi u darb'oħra kmieni fit-tieni taqsima ftit qabel il-goal tal-Ispartans.

4. Ħamrun Spartans tilfu lil John Mifsud 'Il-Bipu' għall-bqija tal-istaġun meta kien siefer lejn l-Afrika. Min-naħa l-oħra huma kellhom lil Albert Calleja lura fit-team wara li kien tilef l-aħħar żewġ logħbiet - l-ewwel minħabba li kien mar mal-MAFA għal tour fil-Libja u l-oħra meta l-kumitat Ħamruniż għażel li jħallih barra mit-team.

5. Il-goalkeeper ta' Hibernians Tony Borg kien sar ġurnalista meta daħal jaħdem mal-Union Press fejn kellu jagħmel 18-il xahar apprenticeship.

**18-04-1964: Floriana FC – St. George's FC 1-0 H.T 0-0**
**Ref: James Sawyer**
**Skorja: L. Bugeja (F) 83'.**

**Floriana FC:** Charlie Fabri, Joe Grima, Tony Sammut, Charles 'Il-Qoċċu' Galea, Derek Iles (Frankie Micallef 46'), Edward Azzopardi, Joe Fava, Żarenu Alamango, Louis Bugeja, Lolly Aquilina (John Bond 46'), Louis Marmara'.

**St. George's FC:** Charles Nappa, M. Micallef, Joe Brincat, Charles Pavia, Leli Micallef, Frans Buttigieg, Degiorgio, Harry Scicluna, Eddie 'Bagaga' Mizzi, Leli Sultana, Mifsud.

1. Għalkemm St. George's sofrew telfa oħra b'goal seba' minuti mit-tmiem, kienu huma li marru qrib ir-rebħa speċjalment fl-ewwel taqsima meta kemm Eddie Mizzi bi cross-shot u Harry Scicluna b'daqqa ta' ras laqtu l-lasta l-mimduda.

2. Il-partita kienet waħda ta' bla nteress għall-fini tal-klassifika meta St. George's kienu diġà relegati filwaqt li Floriana kienu diġà ċerti minn post mal-ewwel erbgħa li jikkwalifikahom għall-kompetizzjoni tal-Cassar Cup.

3. Louis Bugeja irritorna fit-team Furjaniż wara nuqqas ta' kważi sena meta kien qed isofri minn qtugħ fil-ligamenti. Huwa ċċelebra r-ritorn tiegħu bl-isbaħ mod meta skorja l-goal tar-rebħa.

4. Floriana niżlu għal-logħob b'team żagħżugħ meta ħallew barra mit-team lill-veterani tal-Ajax Lolly Borg, Lolly Debattista u Pullu Demanuele. Nieqsa kien hemm ukoll Freddie Vella James li kien imsiefer mal-Armata u Tony Cauchi li kien nieqes għax imweġġa'.

5 Is-sostitut ta' Floriana John Bond kien ġie akkwistat fit-trasferimenti tas-sajf mingħand St. Joseph (Msida). Għalih din kienet l-unika dehra tiegħu fit-team Furjaniż.

## Mit-Tieni Diviżjoni: Birkirkara FC – Lija Athletic - Seba' Players Imkeċċija

Fit-12 ta'April 1964, f'partita mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni bejn il-ġirien Birkirkara FC u Lija Athletic, seba' players sfaw imkeċċija mir-referee Buttigieg.

L-ewwel li tkeċċew kienu C. Micallef ta' Birkirkara u S. Apap ta' Lija f'nofs it-tieni taqsima wara li kellhom xi jgħidu bejniethom filwaqt li tliet minuti wara Joe Zarb ta' Birkirkara tkeċċa wkoll wara li xxuttja l-ballun fuq il-linesman Cauchi. Tmien minuti minn tmiem il-partita erba' players ta' Lija S. Fenech, A. Slowe, S. Borg u L. Coleiro, kollha sfaw imkeċċija għall-protesti ħorox wara li r-referee ordna penalty favur Birkirkara.

Il-logħob dam wieqaf għal 20 minuta. Meta rrenjat il-kalma, Borg 'L-Iscotch' mill-penalty laqat il-lasta. Il-partita ntemmet fi draw ta' 1-1 b'goals ta' Mallia fil-21 minuta għal Lija Athletics u ta' Frans Bonnici 'Il-Lula' fit-43 minuta għal Birkirkara.

Meta ħarġu d-deċiżjonijiet mill-Bord tad-Dixxiplina L. Coleiro ġie sospiż sentejn wara li xejjer bis-sieq u bil-ponn lir-referee, filwaqt li S. Fenech, S. Borg u A. Slowe kollha rċevew sospensjoni ta' sena wara li anke huma xejru daqqiet fid-direzzjoni tar-referee. S. Apap weħel żewġ logħbiet u C. Micallef ġie sospiż partita wara li xejru bil-ponn lil player avversarju.

Wara dawn is-sospensjonijiet il-goalkeeper Ġużi Alamango, ex-Floriana, li kien reġistrat ma' Lija Athletic, ħa postu fit-team għall-partita kontra Little Rainbows (1-1) tas-26 t' April 1964.




EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Manchester United

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2018

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 131

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 131 huwa:
**S. Scott - Għaxaq**





# Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 131

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| C | L | I | F | T | O | N | G | R | I | M | A | | P |
| U | | S | | O | | E | | E | | A | D | D | Y |
| S | A | T | R | U | S | T | E | G | U | I | | | E |
| C | | A | | M | | T | | G | | A | L | D | O |
| H | A | N | D | A | N | O | V | I | C | | E | | N |
| I | | B | | | E | | | N | Y | B | E | R | G |
| E | G | U | I | A | Z | A | B | A | L | | C | | C |
| R | | L | | | A | D | E | | | S | H | A | H |
| I | L | L | M | E | R | | A | S | A | | O | | A |
| | | U | | M | | | R | | S | A | N | O | N |
| W | L | O | D | A | R | C | Z | Y | K | | G | | G |
| E | | G | | N | | | O | | H | O | W | E | |
| B | O | L | L | A | E | R | T | | A | | E | | A |
| B | | U | | | M | | | O | M | N | I | U | M |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April 2018:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 131:
**D. Vella - Fgura**

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta
Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

**MIMDUDIN**

1) L-atleta Maltija fl-Olimpjadi tax-Xitwa 2018 (5,9)
8) Bialystok, club tal-Football Pollakk imwaqqaf fl-1920 (11)
9) Constantin, right-back internazzjonali tar-Rumanija (4)
12) Konstantinos, partita waħda għal Greċja fl-2001 (10)
13) "…. Condition", debba Svediża ta' 14-il sena (4)
14) Pereira dos Santos, left-back ta' Benfica u l-Portugall (6)
15) Guardiola, min aktar? (3)
17) Bukarev, ex midfielder ta' Levski Sofia u l-Bulgarija (4)
18) Dejan, 103 partita u 15-il goal għas-Serbja (9)
21) ".. Eibar', club tal-Football f'La Liga Spanjola (1,1)
22) Micallef, midfielder ta' esperjenza ta' Naxxar Lions (4)
24) Gialanze, footballer femminili ta' Kirkop Utd (6)
26) Wieħed mill-players Olandiżi tewmin van de Kerkhof (4)
27) Micallef, ġurnalist sportiv Malti (6)
31) Elhadji Ousseynou, difensur ta' Naxxar Lions mis-Senegal (5)
33) Nastase, ex numru wieħed fit-Tennis mondjali (4)
34) Chukunyere, 210 partita ma' Hibs f'Malta u 1 man-Niġerja (7)

**WEQFIN**

1) Midfielder Albaniż ta' Lija Athletics (5,3)
2) Jakob, atleta promettenti Norveġiż fl-1500m (12)
3) "Staro ……..", żiemel Svediż ta' 14-il sena (9)
4) Elias de Carvalho, ex winger ta' Sao Paulo u tal-Brażil (6)
5) Ilija, ex coach ta' Dinamo Zagreb FC (10)
6) Asamoah, 105 partita u 51 goal għal Ghana u għadu għaddej (4)
7) Josif, coach nazzjonali ta' Malta tal-Football 1997-2001 (5)
10) Andrés, 123 partita għal Spanja u 2 għal Catalonia (7)
11) Rudiger, difensur ċentrali ta' Chelsea FC u l-Ġermanja (7)
16) Jason, golfer professjonali Amerikan (4)
19) Guedioura, midfielder ta' Nottingham Forest u tal-Alġerija (6)
20) Yahya, president ta' Naxxar Lions mill-2017 (5)
22) "…-up" fil-waterpolo jew "10-…" fil-Football (3)
23) Mohammed, attakkant internazjonali tan-Niġerja (3)
25) u 32) Viktor, midfielder difensiv tal-Estonja (6)
28) Mohammed, midfielder internazzjonaili tal-Ghana (3)
29) David, ex-goalkeper tal-Fiorentina u Crotone (3)
30) Joel, midfielder xellugi ta' Torino u tan-Niġerja (3)
32) Ara 25 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 40 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt